Settembru 2005 • Vol 12 • Nru.3

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




## Fil-Paġni ta' ġewwa

- It-Taqsima ta' l-Infomatika fi ħdan il-Korp tal-Pulizij
- Fl-Okkażjoni tal-191 sena mit-twaqqif tal-Korp
- Is-sezzjoni tar-Roti tal-Pulizija
- Għoti ta' Medalji tas-Servizz Twil u Effiċjenti

u aktar...

Newspaper Post

# Bet your shirt there's **nothing like it**



**Hyundai Play-Logic**
*Quality Unbeaten*



## Getz from **Lm4,950**

**1.1 Five-Door, Fully Accessorised**
Air-conditioning, Power Steering, Driver's Airbag, Electric Windows, Electric and Heated Mirrors, Central Locking, Tinted Glass, Split Rear Seats, Height Adjustable Seat, Rear Wiper, Immobiliser, Colour Coded Bumpers, Mirrors and Handles, Six Speakers.

3 YEAR WARRANTY

**Meridian Auto Company Limited**
B'Kara Road, B'Kara. Tel: 2382 2128 www.meridian.com.mt
*Meridian Auto Company Limited - a member of the Pater Group*

**HYUNDAI**
ALWAYS THERE FOR YOU

Settembru 2005 • Vol 12 • Nru.3

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

5 Children of a lesser god

9 Dealing with Terrorism in the EU

13 Drinn Drinn 5

15 Itta lil-Membri fil-Korp tal-Pulizija

17 Zjara mill-Prim Ministru ta' Malta l-Hon. Lawrence Gonzi

21 It-Taqsima ta' l-Infomatika fi ħdan il-Korp tal-Pulizija

29 Fl-Okkażjoni tal-191 sena mit-twaqqif tal-Korp

37 Is-Sezzjoni tar-Roti tal-Pulizija

39 Wirja ta' delizzji mill-membri tal-Korp tal-Pulizija

43 Medalji lil-Pulizija għall-servizz twil u kondotta tajba

44 Għoti ta' Medalji tas-Servizz Twil u Effiċjenti

46 Apprezzamenti

48 Inkomlu Narmaw

53 Parteċipazzjoni f' "Jum il-Pulizija" minn uffiċjali tal-Pulizija mill-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropeja

55 Paġna Sportiva

57 International Police Association

60 Għaqda tal-Pulizija Penzjonanti

62 Il-Membri tal-Korp li mietu

Membri tal-Board Editorjali: **Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri
**Membri:** Insp Kenneth Haber
Ps 772 Dennis Agius
Wpc 255 Roberta Fenech
Pc 1155 Chris Mangion
Sur Alfred Debattista



**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bil-fors l-opinjoni tal-Board. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għanda tintbagħt fl-indirizz hawn taht: Editur "il-Pulizija" C.M.R.U. Police Headquarters Floriana CMR 02

Ritratt: Membri tas-Silent Drill waqt il-parata f'Jum il-Pulizija fit-12 ta' Lulju, 2005.

Hajr lil fotografu tat-Times is-Sur Darren Zammit Lupi

© C.M.R.U. Police Headquarters, Settembru 2005

# Editorjal

Kull bidu għandu t-tmiem tiegħu. Wara sbatax-il sena ta' servizz impekkabbli bħala Kappillan tal-Korp tal-Pulizija, Fr Raniero Zammit O.F.M. Cap. qaddes l-aħħar quddiesa tiegħu nhar il-Ħadd 4 ta' Settembru, 2005 ġewwa l-Kappella li tinsab fil-Kwartieri Ġenerali.

Il-kontributzjoni ta' Fr Raniero kienet tmur oltre minn dik spiritwali – għal bosta membri kien ħabib, bniedem li jisma' u li dejjem żamm il-wegħdiet tiegħu. Kien għalhekk li kellu rispett kbir mill-membri kollha tal-Korp. Fr Raniero mhux l-ewwel darba li kontribwixxa wkoll fil-paġni ta' dan il-Magazine.

Pero' x-xogħol mibdi minn Fr Raniero mhux ser jieqaf hawn. Minn hawnhekk bħala Bord Editorjali nixtieqú nifrahu lil Fr Raymond Bonnici O.F.M. Cap. li ser jieħu r-responsabbilta' ta' Kappillan tal-Korp tal-Pulizija. Bla dubju ta' xejn Fr Raymond mhux wiċċ ġdid magħna l-Pulizija, fejn serva bħala Kappillan ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija kif ukoll fil-Kumpless f'Ta' Kandja.

Bosta membri li huma ġenituri jinsabu fi ġlieda mal-ħin sabiex it-tfal tagħhom ikollom kollox preparat għal meta tibda l-iskola x-xahar id-dieħel. Ma' dan iż-żmien jibda wkoll xogħol ieħor lil bosta Pulizija fid-Distretti – dak li jassigura li l-periferija għad-dħul ta' l-iskejjel tkun magħluqa kif suppost sabiex jiġu evitati inċidenti mhux mixtieqa.

Is-siġurta' hija mportanti wkoll fuq il-post tax-xogħol, u għalhekk huwa mportanti li l-għodod li għandna nuzawhom kif suppost – importanti li wieħed jiftakar li dawn jiġu utilizati wkoll minn ħaddieħor. Il-mentalita' li jekk l-oġġett għax ma jkunx tiegħi allura ma nieħux ħsiebu ma treġġiex għaliex jaf l-oġġett inkun qed nuzah jien u nkun il-vittma ta' użu ħażin tiegħu. Ma ninsewx li dak li ma rridux li ħaddieħor jagħmel lilna ma nagħmluhx lil ħaddieħor.

Nieħu din l-okkazzjoni sabiex dawk kollha li mhux jirċievu l-magazine jew jafu min mhux qed jirċievih iċemplilna.

Disinn u riklamar
**ABILITY PUBLICATIONS LTD.**
Tel: 21 241345 - Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar
**PROGRESS PRESS - VALLETTA**


B. Grima & Sons
Building, Turnkey & Road Marking Contractors.
Mob: 79477682/3/4/5 Fax: 21 579597
Importers & Suppliers of :
Street Signs, Street Furniture, Street Paint,
Street Safety Equipment, Crash Barriers.
STOP
10 %
B.Grima & Sons, Black Tail Street, St.Paul's Bay
Tel: (+356) 215891071 Fax: (+356) 21579597 E-mail: bgrimasons@euroweb.net.mt

# Children of a lesser God



PC. 24 M. Pace
Uffiċju tal-Kummissarju

Għal benefiċju tal-membri tagħna u ta' dawk kollha li staqsewna dwar il-kwistjoni ta' l-erbat'ijiem ta' festi pubbliċi li jinzertaw matul tmiem il-ġimgħa. L-Assoċjazzjoni kitbet l-ittra li qed nippubblikaw hawn taħt lil diversi Sinjuri li għandhom x'jaqsmu ma' dan is-suġġett.

Minħabba li l-kontribuzzjoni tagħna trid tiġi preżentata lil Editur kmieni kemm jista' jkun minħabba ż-żmien ta' pubblikazzjoni ma' jkunx fl-interess ta' l-Assoċjazzjoni u etikament korretti li nagħtu xi kummenti aktar dwar dan is-suġġett. Pero' aktar il-quddiem inxandru r-risposti li nirċievu u l-passi li jmiss fuq dan is-suġġett.

**Minn korrispondenza numru ta' referenza MPA 61/05 datata 28 ta' Ġunju, 2005.**

L-Onor. Dr. Tonio Borg LL.D M.P. Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, is-Sur John Rizzo Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Charles Deguara Segretarju Permanenti Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern, l-Imħallef Dr. Franco Depasquale LLD Chairman Bord tal-Pulizija, is-Sur Joseph Sammut. Chairman Bord tal-Pulizija għan-Negozjar.

Sinjuri,

F'isem il-membri kollha ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija nixtiequ nwasslu t-tislijiet tagħna.

Matul l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tagħna, ġiet diskusa ċ-ċirkolari numru 63/05, li titkellem dwar *National Holidays and Public Holidays which fall on a Saturday or a Sunday,* liema ċirkolari ġiet imqassma lill-membri kollha tal-Korp. Wara qbil unanimu bejn dawk kollha preżenti waqt din il-laqgħa ġie deċiż li tinkiteb din il-kommunikazzjoni lilkom. Sinjuri, sabiex bl-aktar mod ċar nuru d-dizapprovazzjoni tagħna għal mod ta' kif ġejna trattati fir-rigward ta' din il-kwistjoni tant importanti, u bir-rispett kollu l-Assoċjazzjoni tixtieq tesprimi dan li ġej:-

a) L-Assoċjazzjoni tħossa wisq urtata talli fl-ebda ħin ma ġiet ikkonsultata, u wisq u wisq aktar qatt ma ngħatat iċ-ċans sabiex tesprimi l-opinjoni tagħha dwar din il-kwestjoni, u dan kuntrarjament għal kif ġew stmati Unions u Assoċjazzjonijiet oħra li kellhom kull opportunita' li jiddiskutu din il-kwistjoni. Dan forsi għax aħna m'aħniex assoċjati ma' l-MCESD?

b) L-Artikolu 21 tal-Kapitlu 164, L-Att dwar il-Pulizija, jgħid ċar u tond illi:- *'Ikun hemm Bord tal-Pulizija għan-Negozjar biex jiġu kkunsidrati kwistjonijiet imqajjma minn naħa Uffiċjali jew tal-Persunal, kif hawn isfel deskritt, dwar is-siegħat tax-xogħol, il-pensjonijiet, il-vakanzi, il-pagi u l-allowances u kundizzjonijiet oħra tas-servizz'* .

ċ) F'Settembru ta' sena 1993, il-membri kollha tal-Korp kienu rċievew ċirkolari numru 63/93 li kienet tispjega *New Salary Structure and Conditions for Police Force*, u fost ħafna tagħrif kien hemm spjegati r-regoli rigward il-leave annwali fil-festi pubbliċi. Din issa f'daqqa waħda wara kwazi tnax-il sena ġiet imwarrba.

d) Wieħed għandu jissottolinja li l-membri tal-Korp jaħdmu ta' l-anqas 46 siegħa fil-ġimgħa matul is-sena kollha, u dan fin-normalita', kif ukoll hemm ħafna membri oħra li jeċċedu dawn is-siegħat mingħajr ebda kumpens.

e) *Il-Public Service Management Code* jitkellem dwar diversi struzzjonijiet li prinċiparjament jirrigwardjaw in-numru ta' siegħat ta' xogħol li wieħed suppost jaħdem, pero' għal xi raġuni jew oħra dawn l-istruzzjonijiet ma jgħoddux għall-membri tal-Korp tal-Pulizija.

Il-membri tagħna huma ferm urtati għaliex din iċ-ċirkolari ġiet imposta fuqna ħabta u sabta mingħajr ebda kliem u sliem.
Aħna naħsbu li kien ikun aktar għaqli li kieku saru xi forma ta' taħditiet fuq il-Bord tal-Pulzija għan-Negozjar, qabel ma ġiet iċċirkolata din iċ-ċirkolari. Għalkemm ma ntlaħaq ebda ftehim ma Unions/Assoċjazzjonijiet oħra, ma jfissirx li ma setgħax jintlaħaq ftehim magħna, u dan fl-interess ta' kulħadd. Ħassejna li għanda nibgħatu din il-komunikazzjoni lilkom Sinjuri, sabiex kull min għandu għal qalbu l-interess veru u proprju kemm tal-Korp tal-Pulizija kif ukoll tas-sigurta' ġenerali ta' pajjizna, ikun jaf sewwa dak kollu li qiegħed iħoss il-membru tal-Korp. Bħala Assoċjazzjoni rappreżentanti tal-membri tal-Korp tal-Pulizija, nippretendu li fil-futur, kull meta jqumu kwistjonijiet ta' importanza għandna niġu kkonsultati, u nkunu aktar rikonoxxuti, għaliex ma rriedux li l-Assoċjazzjoni tkun qegħda hemm biss għan-numru.

Insellu għalikom ħafna.

Iffirmati miċ-Chairman u s-Segretarju Ġenerali

Bill-permess tal-ġurnalista s-Sur Natalino Fenech ser nippubblika dak li deher fil-ħarġa tal-gazzetta The Times ta' nhar it-8 ta' Lulju 2005.

***Malta Police 'should have a union'***

*The National German Union of Investigative Police has expressed concern that the police in Malta are not allowed to be members of a political party and do not have a proper union.*

*An article about various police forces in new EU member states has appeared in the organisation's official magazine der kriminalist.*

*The union, the Bund Deutscher Kriminalbeamter, is celebrating its 37th anniversary this year. Its president, currently Klaus Jansen, is elected from the police force and paid out of union fees received from policemen.*

*Mr Jansen previously served in the criminal investigation department and when his four-year term as president expires, he will return to the department.*

*"We are only dependent on our members for funds and that gives us a strong position. There is no censorship on what we are doing or saying," he said.*

*Mr Jansen was in Malta recently and met members of the Police Association and other policemen on duty in several places. He feels that the fact that local police cannot be members of a political party goes against European laws and standards.*

*"The police are also normal citizens and they*

# Impenn lejn is-Suċċess tiegħek



## **determinazzjoni**
## biex tilħaq l-għanijiet tiegħek

The Banker
Bank of the Year 2005
Malta

Esperjenza, determinazzjoni u kapaċita'
li tagħraf il-mument opportun biex tagħmel
l-aħjar pass, jgħinuk tilħaq l-għanijiet tiegħek.

Dan huwa dak li nagħmlu aħna kuljum.
Ngħinuk tilħaq l-iskopijiet prinċipali f'ħajtek
bl-għajnuna ta' l-esperjenza u r-riżorsi tagħna.

Is-suċċess tiegħek huwa importanti għalina.

BOV
Bank of Valletta

www.bov.com • customercare@bov.com • 2131 2020

*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 04 - Malta*




Chairman ta' L-MPA qiegħed jigi prezentat b'laptop minghand Mr. Ron Tournier, President ta Union tal-Pulizija Olandiza, ANPV

*can become members of a party as long as it is not an extremist party.*

*"But if it's a mainstream party represented in Parliament, one can be in it. That's how it is here and in most countries I know. European countries encourage you to become involved.*

*"It should not influence you in your job. If a policeman does something for a party, that amounts to corruption and he can be prosecuted for it. The policeman has to be neutral in what he is doing, but has rights just as anyone else," he said.*

*Mr Jansen said police forces in European countries also have real unions who negotiate better salaries and conditions. "It is important to have police with decent standards, just as any other worker.*

*"It is important for them to have a proper union that could ask for better conditions on their behalf, otherwise they would depend on the government and the police serve the citizens not the government." The Police Act stipulates the role of the Police Association and its powers and prohibits policemen from joining political parties. Contacted yesterday, Home Affairs Minister Tonio Borg said there was no intention to change the law to enable Maltese policemen to either be able join to political parties or to form a trade union.*

*Mr Jansen said: "I think you have a very professional police force that is highly motivated. They have a good spirit, but talking to policemen showed me they are afraid of voicing their concerns as they are employees of the state. I am worried about this because policemen serve the citizen, not the government. Governments change," he said.*

*Maltese police, he added, have a tough job because Malta is now a border state for the EU.*

*"Europe should support you because of the problem you have being a border state."*

L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta matul Mejju 2005, ħadet sehem fil-Kumitat Eżekuttiv ta' C.E.S.P li ġie organizzat mill-Union tal-Pulizija tas-Slovenja. Din li tidher aktar l-isfel hi r-riżoluzzjoni finali li wkoll ser tiġi pubblikata bil-lingwa Ingliża.

## Final Resolution

*Velenje (Slovenia) 27 and 28 May 2005*

*The European Council of Police Unions (CESP) – an international Non-Governmental Organization within the Council of Europe representing 300,000 policemen through 18 countries – held its Executive Committee at Velenje (Slovenia) on 27 and 28 May 2005.*

*At the end of the meeting the CESP asks for:*

- *A safe material and legal situation for all European policemen in order to prevent the corruption.*
- *The full application, for all the policemen, of the European Convention of Human Rights.*
- *Outside borders assuring the security of all countries of the European space, which implies sufficient and good quality security forces as well as an adapted immigration policy.*
- *Working conditions allowing the policemen to achieve the tasks that the citizen expect from them, with adapted working times while preserving their family life.*
- *The access to the European Police College (CEPOL) for any policeman, whatever his rank.*
- *The policeman's continuing education to ensure his professional adaptation to the European standard and his personal development.*

*The CESP asks all European governments to remunerate the policemen in conformity with the commitments already took :*

*The CESP is resolutely opposed to the reduction of the salaries and of the rights already obtained by the policemen and it particularly claims for:*

- *The immediate payment of the extra working hours accumulated by the Cypriot police forces between 1993 and 2002, that is to say approximately 9 000 000 €.*
- *The restoration of the Lithuanian police forces' salaries that have been decreased by 20 % - since 2 years and half – which represents 70 000 000 € of unpaid due sums.*
- *The restoration of the 13th unpaid month – to the Hungarian policemen - in 2004.*
- *The remuneration of the overtime worked by the policemen in Portugal.*

*The CESP welcomes, as observers, our colleagues from Bosnia-Herzegovina and Croatia. It wishes them a quick incorporation as full-right members within our organization.*

*The CESP is opposed to any form of political interference in the exercise of the police force missions.*

*Le CESP asks for the application of the European standards to all F.Y.R.O.M policemen in order to allow them a quick integration in the European Union.*

*Within the framework of the respect of all the European policemen, the CESP requires from Belgian, Bulgarian, Lithuanian and Maltese governments the respect of policemen's union rights, the ratification and the application of the international treaties establishing them.*

## I.T. Services

Minħabba nuqqas ta' spazju fl-aħħar edizzjoni nqast nirringrazzja lil Pc1041 Rodney Caruana u l-membri kollha stazzjonati ġewwa l-I.T. Services immexxija mill-ħabrieka Spetturi P. Caruana u T. Sammut u Surġent 689 P. Minuti li taw sehem fil-website tal-M.P.A..

Din is-sezzjoni hija vitali ħafna fil-ħajja moderna tal-Korp tal-Pulizija jekk iridu naħdmu f'dinja globalizzata. Il-membri ta' din is-sezzjoni dejjem iridu jkunu pro-attivi għal kull żvilupp fit-teknolgija moderna sabiex joffrulna l-għodda li aħna bħala ħaddiema, bħala Pulizija li fil-missjoni tagħna rridu kemm jista' jkun pass aktar il-quddiem sabiex nikkumbattu l-ħażen.

Tajjeb li n-nies f'din is-sezzjoni jiġu eġevolati sabiex huma wkoll igawdu bħala sezzjoni speċjalizzata għaliex jekk ma' jkollokx l-għerf ta' l-I.T. ħadd m'hu ser jaħdem f'branka li fiha nnifisha hi żgur speċjalizzata per eċċellenza.

# ~~Weekend~~ Daily Emergency Service




**Illegal development reports**

**Malta: 9926 9926**

**Gozo: 9924 9924**

**Environment protection reports**

**Nature protection: 7949 6320**

**Pollution control: 9921 9991**

**06:00am-11:00pm**

Together we can make a difference!

www.mepa.org.mt

MEPA

# Dealing with Terrorism in the EU



Dr. A. Casha BA LL.D
Supretendent

In less than 16 months, European Union territory has again been the scene of the most tragic and appalling events. Following the terrorist attacks in Madrid in March 2004, London encountered a similar horror on the 7 July of this year – a few days into the new UK Presidency of the EU and a time when London was relishing its successful bid to host the 2012 Olympic Games.

On the 13 July 2005, the Incoming UK Presidency summoned an emergency Justice and Home Affairs Ministers Council in Brussels. This JHA Council was attended by all Ministers of the Member States of the European Union, including Malta's Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs - Dr Tonio Borg.

The attendance by all the Ministers of the Member States was welcomed by the UK Presidency as a sign of solidarity and commitment by all in combating international terrorism. Mr Charles Clarke, the UK Home Secretary who chaired this meeting also expressed his appreciation to the law enforcement agencies and security services of all Member States for their offers of assistance.

At the end of the Council meeting, the Ministers adopted a Council Declaration condemning the terrorist attacks on London whilst reiterating firmly that the Council stands united in solidarity as it did after the attacks on Madrid last year, and is absolutely determined that the terrorists will not succeed.

In this Declaration, the Council affirmed that its immediate priority is to build on the existing EU framework for pursuing and investigating terrorists across borders, in order to impede terrorists' planning, disrupt supporting networks, cut off any funding and bring terrorists to justice. Consequently, no new initiatives or proposals were brought forward, but rather a determination to accelerate the adoption and implementation of pending legislative measures.

Some of these measures include the Framework Decisions:

- on the Retention of Telecommunications Data *October 2005*
- on the European Evidence Warrant *December 2005*
- on the exchange of information between law enforcement authorities *December 2005*
- adopt the Decision on the exchange of information concerning terrorist offences *September 2005*

Another important aspect in combating terrorism which was also addressed in the Council Declaration was the financing of terrorism. The Council, whilst urging Member States to develop robust asset freezing powers and to ensure that a comprehensive financial investigation is a part of all terrorist investigations, reinforced its commitment in this field by:-

- agreeing on a Regulation on Wire Transfers by *December 2005*
- adopting the Third Money Laundering Directive and the Regulation on cash control by *September 2005*
- agreeing a Code of Conduct to prevent the misuse of charities by terrorists by *December 2005*
- reviewing the EU's performance overall *December 2005*

The Declaration also stressed on the preventive aspect, i.e. on the need to reduce vulnerability to attack by protecting citizens and infrastructure. The Council intends to achieve this aim by measures such as:-

- intensifying the exchange of police and judicial information, in particular through Europol (and its Counter-Terrorist Task Force) and Eurojust, and improving support from Member States' security and intelligence services to the EU Situation Centre, in accordance with the Hague Programme;
- common standards for security features and secure issuing procedures for ID cards;
- priorities the roll-out of biometrics, i.e. facial recognition and fingerprinting of visa applicants under VIS to regions/countries of high risk;
- developing further the ability to share visa information via the Visa Information System (VIS) and law-enforcement information via the second generation of the Schengen Information System (SISII), ensuring stronger and more flexible information systems to protect the EU external borders and internal security;
- a European Programme on the protection of critical infrastructure, including where appropriate road and rail transport, by the end of 2005 to raise standards across Member States.

Unfortunately, all the potential preventive measures which could be acceptable in an open democratic society, cannot totally guarantee protection from a resolute terrorist attack. In the face of this stark reality, the ability for Member States and the EU to improve their ability to manage and minimise the consequences of a terrorist attack brought the Council to ask :-

- Member States to undertake regular joint counter-terrorism exercises to test resilience;
- the EU Counter-Terrorism Coordinator and the Commission, as appropriate, to report by December 2005 on the development of:

- emergency response capabilities both at Member State and EU level, including those required to respond

to a bio-terrorist attack, and building on civil protection modules of the Member States;
- arrangements to share information, ensure coordination and enable collective decision-making in an emergency, particularly for terrorist attacks on more than one Member State.

It became shockingly evident to the British law enforcement and intelligence community that the London suicide attacks were most probably carried out by British born citizens, although the collaboration and assistance from external elements was not excluded. In this respect, the Council underlined the importance of preventing people from turning to terrorism by addressing the factors that contribute to radicalisation and recruitment to terrorist groups. An EU strategy setting out action to tackle this issue should be finalised by December 2005.

The events in London and the more recent terrorist attacks on a Turkish and Egyptian tourist resorts bring home the fact that any country may, directly or indirectly, be the subject of a terrorist attack. Malta too, with its rather volatile tourism industry, experienced great difficulties in the aftermath of the 11 September 2001 attacks on New York.

This is yet another wake up call for the European Union to accelerate its attempts to consolidate an area of Justice, Security and Freedom. In responding to this international threat, no country or region in the world can expect to tackle this issue on its own. The International community must confront terrorism globally and collectively. The Council and the Commission are committed to reinforce work with priority third countries, by increasing individual and collective commitments to technical assistance and capacity building to support them, including in the area of countering radicalisation and terrorist financing.

Complacency in dealing with international terrorism firmly and collectively arguing that there are no threats to a country's own security does not hold ground today. The weaknesses in the security measures in one country may and have been used by terrorists to carry out attacks on or in another country. I am convinced that no civilised country would want to be directly or indirectly associated with terrorism by not adopting or not implementing the necessary measures to prevent and combat terrorism.

The EU and its Member States are doing their part. Admittedly, reaching an agreement between 25 Member States is, even at the best of times, not an easy task. This is to be expected when one takes into consideration the different legal systems, practices and cultures of all the 25 Member States. But the political determination is there. This political resolve should facilitate the steadfast pace in the adoption and implementation of the agreed measures against terrorism



# malta stock exchange



**The Malta Stock Exchange forms an important part of the local financial sector and is at the forefront of Malta's drive to become a major international financial centre.**

## LEGAL AND REGULATORY FRAMEWORK

- Internationally recognised legislative and regulatory standards

## ADMISSION

- Simple and flexible regulations
- Fast admission process
- Competitive fees

## TRADING

- Multi-currency/multi-instrument electronic trading system
- Transparent and regulated markets
- Straight through processing
- Integrated surveillance system

## BACK OFFICE SERVICES

- Clearing and Settlement
- Dematerialised Central Securities Depository offering a variety of services
- Legal services
- Dissemination of market and company information

FIDEM INTEGRITAS PARIT

BORŻA TA' MALTA
MALTA STOCK EXCHANGE

**For further information on the organisation of the MSE, legal and regulatory framework, policies, services, statistics and other information kindly view www.borzamalta.com.mt or else contact the Exchange at: Garrison Chapel, Castille Place, Valletta CMR 01, Malta.**
**Tel: (00356) 2124 4051, Fax: (00356) 2569 6316, E-mail: borza@borzamalta.com.mt**




Who ever said that aiming high should be expensive? A fantastic price for a high-set compact Urban Activity Vehicle combining the solidity, robustness and road presence of larger Sports Utility Vehicles and the practicality of a compact Multi Purpose Vehicle.

The Ford Fusion is available in 1.4L and 1.6L petrol engines, as well as a 1.4L TDCi common rail diesel. Standard features include: Air-conditioning, power steering, driver and passenger smart airbags, central locking, height adjustable driver's seat, split rear seats, height adjustable steering, in-car entertainment and a galvanised body with a 12 year anti-perforation warranty.

# Ford**Fusion**

Designed for living.Engineered to last

GASAN
GROUP OF COMPANIES

**Gasan Automotive Centre,** Mriehel Bypass, Mriehel BKR 14
Tel: 21442030 ext 200. Fax: 21442007.
**Gozo Garage**, Victoria. Tel: 21551866.
e-mail: automotive@gasan.com web site: www.gasan.com

# Drinn Drinn 5



Supt. P.P. Zammit
Prosecution Unit

*Hello, Sir, għandi problema. Ġiet persuna sabiex tagħmel rapport li qed tirċievi telefonati anonimi fuq il-mobile u fuq il-linja tad-dar. Staqsietni ħafna mistoqsijiet u ma stajtx inwieġeb dwar kollox. Tista tgħidli ftit x'jiġri ħalli lil din is-sinjura inkun nista' nispjegalha?*

Nibda biex ngħidlek li l-użu ħażin tat-telefon huwa reat u dan huwa wieħed ex ufficio. Għaldaqstant il-Pulizija hija obligata li tinvestiga u tressaq lill-persuni l-Qorti. Il-proċedura interna hi li d-Distrett jirċievi r-rapport u jiddaħħal fil-PIRS u l-Uffiċju tal-Prosecutions Unit jiftħu l-file u jagħmlu dak li jkun neċċessarju.

Fatturi mportanti f'dawn l-investigazzjonijiet huma il-ġranet u l-ħinijiet li fihom qed isiru dawn it-telefonati, u l-mezz li fuqhom il-vittma tkun qed tirċeviehom. Dan għaliex aħna rridu nagħmlu talba lis-Service Provider (kemm jekk Go Mobile, Vodafone jew Maltacom) sabiex jgħidulna x'telefonati l-kwerelant irċieva fid-dati u ħinijiet indikati. Mhux korrett li jiena nitlob il-lista kollha tat-telefonati li dak li jkun irċieva jekk jiena għandi mezz li nitlob għal dawk biss li qed idejquh. Anke jekk fuq l-I.D. caller (jew il-mobile) in-numru jitla' private number, is-service provider ikun jista' jgħidilna n-numru tal-persuna li tkun ċemplet. Ma jfissirx li ma nieħdux rapport jekk il-kwerelant mhux f'pożizzjoni li jagħtini dawn id-dettalji kollha, iżda huwa fl-obbligu legali tiegħu li jagħtina kemm jista' jkun dettalji dwar il-każ (Art 536 Kap 9).

Meta nsiru nafu n-numru tal-persuna li qed tagħmel dawn it-telefonati minn hawn inkunu nistgħu nistaqsu lis-service provider relattiv jgħidilna jekk dak in-numru hux reġistrat jew jafux lil min jgħajjat. Jekk dan ikun jista' jiġi stabbilit, allura ngħaddu l-file lura lid-Distrett konċernat sabiex din il-persuna tiġi mitkellma u jsiru l-investigazzjonijiet u jittieħdu l-passi neċċessarji. Jista' jkun (u ħafna drabi hekk jiġri) li n-numru (f'dawn il-każijiet mobile) ma jkunx reġistrat u għaldaqstant ikunu jridu jsiru investigazzjonijiet oħra minn din in-naħa sabiex nistabilixxu l-identita' tal-persuna li qed tagħmel użu minn dak l-apparat. Mhux dejjem possibbli li nsiru nafu minn kienet il-persuna li qed tagħmel dawn it-telefonati vessatorji, iżda kellna ħafna suċċessi u solvejna ħafna problemi.

Wieħed irid jiftakar li mhux dejjem ikun qed isir reat, għaliex bħala reat jinħtieġ il-mens rea. Kellna każ partikolari li fih sinjura anzjana kienet qed tiġi vvessata b'ħafna telefonati matul il-ġurnata u nstab li kien il-mobile tat-tifel tagħha li kien iżomm imwaħħal ma qaddu u kull darba li jolqtu kien awtomatikament iċempel lil ommu għax kien l-ewwel numru fuq il-lista. Hawn ma kienx hemm il-ħsieb li jdejjaq lil ommu u għaldaqstant ma kienx hemm reat.

Bħal ma tista' timmaġina dan kollu jgħodd għal telefonati u anke SMS's, kif ukoll għal telefonati mhux imwieġba. Iżda f'kull każ, minn ikun qed jirċievi r-rapport irid jekk joġġħbu jindikalna eżatt il-mezz ta' kommunikazzjoni relattiva, u jkun importanti fil-każ ta' l-SMS's li wieħed jitraskrivi il-kontenut (dejjem jekk ma jkunx esaġeratament vulgari jew personali) fil-PIRS. Il-kontenut ta' l-SMS's jista' jkun ta' għajnuna għall-investigazzjoni kif ukoll bħala prova ta' malafama jew insulti. Għaldaqstant rapport xott tal-PIRS ikun ta' żvantaġġ għal investigazzjoni li trid issir. Lanqas ma qed nitolbu komponimenti sħaħ dwar il-każ, imma huma mportanti d-dettalji relattivi sabiex inkunu nistgħu ninvestigaw. Fost dawn id-dettalji nenfasizza ħafna fuq in-numru li fuqhom qed jiġu riċevuti dawn it-telefonati, kif ukoll id-dati u l-ħinijiet jekk magħrufa, u f'każ ta' l-SMS's, il-kontenut tal-messaġġ (mhux dejjem kelma b'kelma).

Ġaladarba qegħdin fuq dan is-suġġett, ninformaw lill-pubbliku li din l-informazzjoni ma tinstabx għand il-Pulizija u li aħna rridu nitolbuha mingħand is-Service Provider, u għaldaqstant irridu nistennew xi ftit, normalment ħmistax-il ġurnata. Jekk, iżda, ikun hemm każijiet ta' ċerta gravita', bħal theddid b'mewt dawn jingħataw preċedenza.

Spunt interressanti huwa li l-istess proċedura tista' ukoll tiġi applikata f'każijiet ta' serq jew telf ta' mobiles. F'dan il-każ iżda jiddeppendi mid-Distrett li jiftaħ il-file u jirreferieh lilna għall-investigazzjonijiet. Bl-istess proċedura, iżda li tieħu aktar ħin, sibna bosta mobiles misruqin u li ġew ritornati lis-sidien tagħhom u l-ħallelin u r-riċettaturi tressqu l-Qorti.

Nispera li fuq dan ftehmna.

Grazzi Sir, issa lil dik is-sinjura nista' nispjegalha aħjar u nserħilha ftit rasha għax taf kemm kienet inkwetata, ħsibtha ser tmutli hawn bil-għali. Saħħa u grazzi ħafna.

Saħħa.

# Committed to Quality

SINCE 1843

C. Camilleri & Sons Ltd.

INCORPORATING C.CAMILLERI & SONS • THE OLDEST FIRM OF ENGLISH AND FRENCH CONFECTIONERY

**Merchant's Street Valletta, TEL: 2124 1642**

CATERERS

C.CAMILLERI & SONS (CATERING) LTD.

**13-20, M. Borg Gauci Street**
**Tal-Handaq Qormi, TEL: 2147 2255**

Bhs

**The Strand Sliema, TEL: 2131 0811**

**Merchants Street Valletta, TEL: 2124 1633**

**Smart Shopping Complex B'Kara, TEL: 2149 1655**

mothercare

**The Plaza Shopping Centre**
**St Anne Square Sliema, TEL: 2131 5122**

**South Street Valletta, TEL: 2123 6717**

**Camilleri Group of Companies, 13-20, M. Borg Gauci Street Tal-Handaq, Qormi | Tel: 2147 2255 | info@camillerigroup.com**

*Għażiż membru,*

L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta għandha l-pjaċir tinformak illi għall-ewwel darba fl-istorja tagħha l-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija ser ikollhom l-opportunita' li jivvutaw għall-membri tal-Kumitat Eżekuttiv ta' l-istess Assoċjazzjoni fl-elezzjonijiet li jmis, fis-7 ta' Ottubru u t-8 ta' Ottubru 2005 rispettivament, u dan grazzi għall-inizjattiva sħiħa li ttieħdet mid-Delegati u mill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv preżenti sabiex setgħa jinbidel l-istatut. Aħna minn dejjem ħassejna li kull membru għandu dritt sagrosant li jivvota għal min ikun jixiteq li jirrapprezzentah fl-Assoċjazzjoni għax wara kollox hekk titlob id-demokrazija vera.

Ħbieb irridu nifhmu darba għal dejjem li hemm bżonn sforz qawwi kollettiv sabiex għal darba ningħaqdu flimkien u jkollna vuċi waħda f'dan ir-rigward. Bħalissa għaddejjin laqgħat importanti ħafna bejn l-Assoċjazzjoni tagħna u rapprezentanti tal-Gvern rigward il-kundizzjonijiet xejn sbieħ tax-xogħol tagħna, pero' hemm bżonn nifhmu li dan ix-xogħol ma jseħħx mill-lejl għan-nar, irridu nkunu paċenzjużi u ottimisti, u fuq kollox nemmnu fina nfusna.

Nixtiequ wkoll nieħdu din l-opportunita' sabiex pubblikament nirringrazzjaw lill-Kummissarju tal-Pulizija għall-appoġġ sħiħ li dejjem tagħna kull meta kien possibbli.

Intant inħeġġu lil kulħadd sabiex noqgħodu attenti għal kull informazzjoni u aktar dettalji li ser joħroġ u fil-ġranet li ġejjin f'dan ir-rigward permezz tal-PIRS u ĊIRKOLARI, kif ukoll nitolbukhom li tipparteċipaw, għax wara kollox dan għall-ġid tagħna u ta' ħadd aktar.

PS 496 Godwin Borg
Chairman

PC 24 Martin Pace
Segretarju Ġenerali






Mens Sizes: 40 - 49

Ladies Sizes: 36 - 42

ECCOES OF THE WORLD

ecco®

www.ecco-shoes.com.mt

King & Ecco Shoe Shops

Baystreet Level 0 - 23 720 010
San Gwann - 21 378 433
Valletta - 21 224 804

# Żjara mill-Prim Ministru ta' Malta l-Onorevoli Lawrence Gonzi

It-Tlieta 14 ta' Ġunju, 2005 il-Prim Ministru l-Onorevoli Lawrence Gonzi għamel żjara ta' korteżija ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija, f'Sant'Iermu.

Il-Prim Ministru ġie milqugħ mill-Viċi Prim Ministru l-Onorevoli Dr. Tonio Borg Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, is-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Dr Carmelo Mifsud Bonnici, is-Segretarju Permanenti s-Sur Charles Deguara, is-Sur Joe Sammut, Chairman tal-Bord ta' l-Akkademja, il-Kmandant ta' l-Akkademja s-Sur Ronald Kelly, il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo u Uffiċjali għolja tal-Korp tal-Pulizija.

Preżentament fl-Akkademja tal-Pulizija qed isir kors ta' taħriġ għal mitt rekluta. Waqt iż-żjara tiegħu l-Onorevoli Prim Ministru ra lil dawn ir-rekluti jesegwixxu d-diversi dixxiplini li huma qed jiġu mħarrġa fihom, fosthom id-drill, l-unarmed combat, u taħriġ fl-isparar ġewwa s-shooting range. Huwa żar ukoll il-gym li jintuża mill-membri tal-Korp kif ukoll il-faċilitajiet li jeżistu ġewwa l-Akkademja bħal mock trial room u l-I.T. Section room kif ukoll diversi Lecture rooms oħra attrezzati b'materjal li għandu x'jaqsam mat-tagħlim tax-xogħol tal-Pulizija. Waqt din iż-żjara l-Prim Ministru kellu l-opportunita' jsegwi ukoll żewġ klassijiet li fihom ir-rekluti kienu qed jingħataw taħriġ fuq is-suġġetti tal-Kriminoliġija u dik tal-Liġi. Hawnhekk sar aċċenn dwar il-livell għoli ta' taħriġ ġewwa l-Akkademja fejn kull rekluta qed jiġu ppreparati fil-qadi tad-doveri tagħhom sabiex jilqgħu l-isfidi li s-soċjeta' tal-llum toffri.

Waqt din iż-żjara l-Kummissarju s-Sur John Rizzo nforma lil Prim Ministru li l-Pulizija, barra milli tara li l-liġi ma tinkisirx, għandha wkoll l-att uman tagħha, fejn fuq bażi volontarja u mingħajr ebda ħlas għamlet xogħolijiet ġewwa l-Eden Foundation fejn sar xi bdil u manutenzjoni fuq xi soqfa tas-suffet. Qed isir ukoll xi xogħol ta' manutenzjoni ġewwa l-istess Akkademja, fejn dan qed isir kollu mir-rekluti stess, fejn dan juri s-sens ta' responsabbilta' kif ukoll dixxiplina. Barra minn hekk kull rekluta se jagħmel ukoll xogħol volontarju ta' ġimgħa ġewwa diversi stituzzjonijiet li hawn f'pajjizna. Ir-rekluti bħala parti mill-kors tagħhom se jagħmlu ġimgħa live-in ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija.

F'kelmtejn li saru l-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo saħaq li l-Pulizija qiegħed hemm għas-servizz tal-pubbliku u għalhekk jixraq li dan ikun lest għal kull tip ta' problema li tista' tkun indirizzata lejh. Għalhekk, il-kors huwa vast u nteressanti u jipprova jolqot kull settur fejn il-pubbliku jista' jitlob lill-Pulizija sabiex tintervjeni.







Barra minn hekk dawn ukoll jiġu mgħalma dwar il-liġijiet ta' pajjizna, kif ukoll fil-prevenzjoni u l-investigazzjoni fid-diversi tipi ta' reati kriminali.

Il-Viċi Prim Ministru l-Onorevoli Tonio Borg qal li l-Akkademja tal-Pulizija hija parti minn furketta ta' taħriġ. Huwa semma' l-kumpless ġewwa l-Mosta fejn jitħarġu l-klieb u l-Kumpless ta' l-S.A.G. ġewwa Ta' Kandja. Huwa qal li l-Akkademja ma hijiex biss għar-reklutti, iżda wkoll għal Pulizija kollha, fejn dawn wara ċertu żmien jirritornaw sabiex jaġġornaw rwiehom, speċjalment fejn tidħol xi liġi ġdida. Huwa saħaq li s-suġġetti varji li toffri l-Akkademja huma mportanti għal kull membru fil-Korp, għax huma jkunu l-ewwel nies imsejjħa fuq xi inċident.

L-Onorevoli Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi rringrazzja pubblikatament u wera' l-apprezament tiegħu lil Pulizija kollha għax-xogħol siewi u utili li jagħmlu. Huwa semma' s-suċċessi miksuba f'dan l-aħħar żmien li huma prova kemm il-Korp qed jitmexxa b'serjeta' u għaqal kbir mill-għola rank sa l-inqas Pulizija. Il-Prim Ministru qal li r-riżultati jitkellmu waħidhom fl-oqsma kollha, fejn fost affarijiet oħra semma' s-suċċessi miksuba fejn tidħol id-droga kif ukoll delitti serji antiki li ġew solvuti dan l-aħħar. Huwa qal li l-Akkademja hija l-pilastru li minnha ħarġu dawk kollha li llum qed imexxu l-Korp tal-Pulizija.

Il-firxa ta' taħriġ hija mportanti u huwa għalhekk li l-poplu għandu japprezza dan t-tip ta' taħriġ li l-Pulizija qed jingħataw. Is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea irrikjedit ukoll it-twessiegħ ta' suġġetti li r-rekluti l-ġodda qiegħdin ukoll jiġu mħarġa fihom.

Ta' interess huwa li l-Akkademja tal-Pulizijas twaqqfet fis-17 ta' Lulju 1988 fejn minnha ħarġu elf u erba mitt (1,400) reklut u elfejn u erba' mija (2,400) attendew għall-in service course.

Qabel ħalla l-Akkademja, l-OnorevoliPrim Ministru awgura lir-rekluti l-ġodda kollha li jilħqu b'suċċess f'Ottubtu li ġej.




Kee Klamp
STRUCTURAL FITTINGS
for 1001 uses
Kee Klamp jointed Tubular Construction
Kee Klamp jointed Scaffolding
Kee Klamp jointed Storage Racking
Kee Klamp jointed Guard Railing
Hiring of Kee Klamp jointed Scaffolding, Mobile Access Towers, Staging, Platforms, Spectator Grandstands, Exhibition Stands, etc.
SOLE AGENTS & SPECIALISTS IN TUBULAR CONSTRUCTION SINCE 1947
JOSEPH F. SPITERI & CO. (1927) LTD.
ENGINEERS & CONTRACTORS
121, Marina Street, Pietà MSD 08 Tel. 21 246 670 Mob. 9949 0538 Fax. 21 240 180
e-mail: ozzi@kemmunet.net.mt
website: www.keeklamp.com


Xuereb Installations Ltd.
Tal-Hlas Road, Qormi
T: 21 495 799 - 21 495 972 - 21 495 836 - 21 495 792 - F: 21 495 834
E-mail: xil@xuerebinstall.com Website: www.xuerebinstall.com
SUPPLY AND INSTALLATION OF ALL KINDS OF GYPSUM AND MINERAL FIBRE SOFFITS, BULKHEADS AND COVING, DEMOUNTABLE AND GYPSUM PARTITIONS.

ŻMERC PUB

**FULLY AIR CONDITIONED & AIR PURIFIERS, SHOWING ALL FOOTBALL MATCHES ON BIG SCREEN AND GIVING UNIQUE APETIZERS**

# English Pub




*ZMERC PUB is situated in the centre of the Maltese Islands, a few meters away from the San Anton Gardens. Zmerc Pub is an old English pub run by the Calleja family with more than 40 years experience in catering. Our pub is famous for its free appetizers and that is why we have customers from all over the island.*




Zmerc pub is also proud of sponsoring 2 great Maltese snooker players, a well known rugby and football teams. We also show all kind of sports on our latest technology big screen besides great music.




The Calleja family would like to invite you and your family at their English pub. They will make sure that their staff will serve you professionally and besides making you feel at home, they will make sure that you will enjoy your day or night out.

**BIRBEL STREET - BALZAN - MALTA (NEAR SAN ANTON GARDENS) TEL: 2144 4576**



WPS 93 C. Fabri
C.M.R.U.

# It-Taqsima ta' l-Informatika fi ħdan il-Korp tal-Pulizija

Il-progress fid-dinja tat-teknoloġija kull ma jmur dejjem jikber, speċjalment f'dinja globalizzata li qed ngħixu fiha. Il-mixja biex wieħed ikun kapaċi jforni informazzjoni adekwata mhux rwol faċli, u dan ħareġ meta ltqajna mal-persuni li jżommu l-Korp tal-Pulizija aġġornat teknoloġikament. F'din il-ħarġa ser niltaqgħu malmembri mit-Taqsima ta' l-I.T.S. jew aħjar l-Information Technology Section.

Peress li din it-Taqsima hija maqsuma fi tnejn, ħsiebna li ma kienx ikun opportun li fl-ispazju limitat jingħata t-tagħrif ta' kafkaf fuq ix-xogħol li jsir. Huwa għalhekk li f'din il-ħarġa ser jingħata tagħrif fuq parti minn din it-Taqsima - dik Amministrattiva fejn jidħol xogħol ta' implimentazzjoni fid-diversi proġetti u teknikalitajiet diversi fil-qasam ta' l-informatika.

Pero' ikun iktar adekwat li dan l-artiklu nibdewh billi mmorru ftit lura u naraw kif u meta twaqqfet din it-Taqsima, u dan bl-għajnuna tas-Surġent 689 Pierre Minuti.

Il-bini ta' fejn tinsab it-Taqsima ta' l-Informatika tal-Pulizija fi żmien kien iservi bħala Librerija Nazzjonali fejn kien frekwentat minn diversi nies ta' kull eta'. Kien fis-7 ta' Jannar 1989 li dan il-bini ra l-funzjoni tiegħu tinbidel minn waħda edukattiva għal waħda ta' ġbir ta' nformazzjoni. Il-ftuħ uffiċjali sar mill-Emeritus Dr Guido DeMarco, dak iż-żmien Ministru ta' l-Intern li taħtu kienet taqa' l-Pulizija.

Għal dak iż-żmien dan jista' jingħad li kien proġett pjuttost ambizzjuż, meta wieħed jikkonsidra il-fatt illi fil-gżejjer Maltin, iċ-ċentru ewlieni ta' l-ipproċessar ta' informazzjoni kompjuterizata tal-Gvern kienet tinħadem kollha fiċ-Ċentru tas-Swatar, f'Ħad Dingli.

L-ewwel sistema li l-Pulizija bdiet taħdem biha kienet dik magħrufa bħala PRIME li l-funzjonijiet primarji tagħha kienu biex tinżamm fiha statistika - bħal ngħidu aħna kemm jitressqu u jeħlu nies il-Qorti; kollużżjonijiet; u reati oħrajn, informazzjoni fuq persuni skond ir-reġistru elettorali, informazzjoni ta' persuni li kienu jidħlu jew joħorġu minn Malta - dik li wieħed kien isib fuq l-Imbarcation cards, u nformazzjoni oħra ta' word processing.

Kif intqall iktar 'il quddiem, il-progress ma jafx kantunieri, u kien għalhekk li fl-14 ta' Frar, 1994 dak li dak iż-żmien kienet magħrufa bħala Data Processing Branch inqasmet fi tnejn fejn parti baqgħet fil-post preżenti u saret magħrufa bħala l-Information Technolgy Section waqt li l-parti l-oħra saret tagħmel parti minn uffiċini ġewwa l-ajruport ta' Ħal Luqa, magħrufa aħjar bħala l-I.C.S. - Immigration Control System.

Is-Surġent Minuti sostna li l-parti li baqgħet tiffunzjona mid-Depot kellha xogħol speċifiku u xi ftit delikat - dak li tisostitwixxi sistemi manwali għal dawk kompjuterizzati. Din ma kinitx biċċa xogħol faċli, għax il-proċess biex tbiddel il-mentalita' ta' kif wieħed juża' l-għodda li jkun ilu jaħdem biha huwa twil u xi ftit qiebes.

It-transizzjoni minn sistemi manwali, dak li nafu bħala l-Clean OccuranceBook jew aħjar ic-C.O.B., għal dik elettronika kienet waħda kbira. Fl-1 ta' April, 1997 fl-Għasses bdiet is-sistema magħrufa bħala l-P.I.R.S. fejn jista' jingħad li kien hemm ħafna xetiċiżmu għar-rigward din is-sistema. Pero' hekk kif beda għaddej iż-żmien u s-sistema bdiet tindara, kulħadd induna kemm kienet utli f'dak li huwa ħin u riżorsi. Għalkemm kien hemm min qatt ma uża kompjuter f'ħajtu u sab kull skuża biex jevita li juża' din is-sistema, illum jista' jingħad li kull membru fil-Korp għandu aċċess għal din is-sistema.



L-implemintazzjoni ta' din is-sistema sar fuq 3 fażijiet - l-ewwel kienu nkorporati l-10 Distretti ewlenin, it-tieni fażi rat dawk l-Għasses li għandhom uffiċju - li kienu sebgħa, u l-aħħar fażi rat Għasses zgħar jingħaqdu man-Network bħal Ħaż Żebbuġ u Ħal Luqa.

Ta' min jgħid li din is-sistema serviet biex jinfirex l-ewwel computer networks ma Malta kollha - u dan kemm fil-Korp tal-Pulizija kif ukoll mad-Dipartimenti tal-Gvern.

Din it-Taqsima titmexxa minn Spettur, Surġent u tmien Kuntistabbli li dawn ta' l-aħħar jaħdmu fuq sistema ta' xift biex ilaħqu mad-domanda kontinwa fejn jidħlu sistemi u networking.

Il-bidla li seħħet f'dan id-dipartiment hija waħda radikali u għalhekk kien jirrikjedi li n-nies ta' din it-Taqsima mhux biss ikunu prattiċi fuq xogħolhom, imma s-sitwazzjoni kienet tirrikjedi li jkunu wkoll speċjalizzati fuq dak li jkunu qed jagħmlu. Dan għaliex issa xogħolhom ma baqax biss jassistu lil dawk il-membri li forsi darba kellhom xi diffikulta' fuq is-sistema jew biex isiru xi tiswijiet. Issa xogħol il-membri ta' din it-Taqsima huwa li jkunu kompetenti biżżejjed li jikkonċepixxu sistemi li jtejjbu s-servizz fi ħdan il-Korp - u dan ifiss-




**Trade Enquires:** Wembley Stores Co. ltd, 305, Republic Street, Valletta. Tel: 21225147



er fin-network, fis-software u fl-implimentazzjoni ta' l-istess sistemi.

Fost is-sistemi ewlenin li wieħed isib fil-Korp insibu s-sistemi tal-P.I.R.S u dik ta' l-Armi, fejn tiġi rreġistrata arma ta' kull tip, għamla u daqs; is-sistema tal-Fleet Management li tieħu ħsieb il-konsum tal-fuel tal-vetturi tal-Korp; is-sistema tar-Riżorsi Umani fejn jinżammu r-rekords ta' kull membru fil-Korp; u bosta databases oħrajn li l-użu tagħhom huwa speċifiku u skond l-esiġenza tas-servizz. Wieħed ma jeskludiex is-sistemi tal-e-Mail u dik ta' l-Internet.

Bid-dħla ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja, l-Korp kellu jintroduċi sistemi ġodda biex ikun konformi kemm mal-liġijiet kif ma korpi kostitwenti oħrajn. Fost dawn is-sistemi nsibu dawk ta' l-Interpol; il-EuroDac li hija sistema li tiċċekja l-marki tas-swaba ta' l-immigranti rregolari kollha li hawn madwar l-Ewropa; il-PISCES li hija sistema li żżomm informazzjoni tan-nies deħlin u ħerġin minn Malta li ma humiex parti mill-Unjoni Ewropea; is-sistema DubliNet li tiċċekja informazzjoni fuq dawk il-persuni barra l-Unjoni Ewropea li japplikaw għal stat ta' refuġjat; EUROPOL tiġġenra informazzjoni bejn il-Pulizija Ewropea; u s-sistema F.A.D.O (False and Authentic Documents Online) li permezz tagħha jsir verifikazzjoni jekk dokument huwiex falz jew le.

Pero' biex ikun hemm dan kollu ma jonqos li hemm dik jew dawk il-persuni li jieħdu ħsieb l-amministarzzjoni ta' kif jitmexxew l-affarijiet. Kien hawnhekk li reġa' sar aċċenn li din it-Taqsima hija maqsuma fi tnejn, fejn ic-Cybercrime u l-uffiċju ta' l-Istatistika jaqaw taħt l-Ispettur Paul Caruana waqt li dak kollu li għandu x'jaqsam ma' amministrazzjoni jaqa' taħt it-tmexxija ta' l-Ispettur Trevor Sammut.

Hawnhekk is-Sur Sammut għamilha ċara li din il-qasma saret biss biex ix-xogħol ikun ikumplimentat minn kull att u xejn iktar. Dawn it-tnejn imorru id f'id għax mingħajr wieħed l-ieħor ma jaħdimx.

Kien għalhekk li s-sur Sammut enfasizza li kull membru fi ħdan din it-Taqsima għandu xogħol importanti assenjat lilu u jrid jara li jagħmlu bl-ikbar responsabilita' u determinazzjoni.

Ir-rwoli diversi li tħabbat wiċċha magħhom din it-Taqsima ma jippermettulix li jkollha persuna waħda tagħmel ix-xogħol kollu u huwa għalhekk li ħafna mix-xogħol huwa delegat lil persuni li xogħolhom huwa speċifikat. Huwa xieraq li kull membru fi ħdan il-Korp ikun jaf eżatt ir-rwoli differenti li tħaddan fiha din it-Taqsima.

Rwol ta' l-uffiċċju: Ir-rwol hawnhekk jieħu xejra ftit differenti minn uffiċju normali. Ir-responsabilita' taqa' fuq xiri ta' materjal eletroniku (u dak li għandu x'jaqsam ma din il-linja), għajnuna amministrattiva, immaniġjar ta' Pulizija u studenti, u xogħol ta' kuljum li jsir f'uffiċju normali. Ħaġa li mhux dejjem hemm kontroll fuqha hija d-detail fejn din għalkemm tkun imfassla fuq l-esiġenzi ta' proġetti u sistemi li jkunu għaddejjin, bosta drabi tkun restritta għal esiġenzi oħra li jkollu bżonn il-Korp.

Dan ħafna drabi iwassal għal xi dewmin fil-proġetti li jkunu qed isiru, għax kif intqal qabel wieħed irid joqgħod ħafna attent f'dak li qed jagħmel biex ma jkunux ikawżati xi ħsarat jew telf ta' materjal fil-futur. Il-persuna nkarigata minn dan l-uffiċju huwa s-Surġent 689 Pierre Minuti. Responsabilita' li taqa' taħt dan is-Surġent huma s-sistemi li għandhom x'jaqsmu ma' l-Unjoni Ewropea, li l-Korp kellu jħaddem.

First Line of Support: Sabiex is-servizz ikun kontinwu u effiċjenti matul l-erbgħa u għoxrin siegħa tal-ġurnata, din it-Taqsima titħadem fuq sistema ta' xift. Huwa proprju hawhekk fejn jidħlu t-telefonati kollha li għandhom x'jaqsmu ma problemi fuq sistemi jew ħsarat. Dawn jiġu nnotati fejn immedjatament jibda x-xogħol ta' tiswija jew manutenzjoni. Forsi għal ħafna ikun hemm dewmin eseġerat, pero' wieħed irid japprezza li ġeneralment dan ix-xogħol isir minn persuna waħda li jkun irid ilaħħaq mad-domanda kbira tal-kumplament.

Il-Pulizija li jiffurmaw dan il-grupp, fejn apparti li jieħdu ħsieb dak li għadu kif issemma hawn fuq huma:

PC470 Andy Paris - huwa responsabbli mill-ħolqien ta' programmi skond l-esiġenza ta' skwadri fi ħdan il-Korp, kif ukoll il-manutenzjoni tagħhom. Uħud minn dawn il-programmi huma is-Sistemi tal-Visa u dik tal-Lock Up, is-sistema tal-*Crime Analysis* u *Complaints Database* kif ukoll is-sistema tal-*Fleet Management,* b'dawn ta' l-aħħar jiġu databases li kibru b'rata mgħaġġla mmens!

PC42 Paul Said - huwa responsabbli mill-immaniġjar ta' l-istores kif ukoll tat-tiswijiet kollha li jkun hemm bżonn li jsiru fil-gżira ta' Għawdex (dejjem fejn jidħol appart eletroniku)

PC338 Kevin Saliba - huwa responsabbli mill-Operations Room ta' l-I.T.S., speċjalment fejn jidħlu backups ta' informazzjoni. Huwa responsabbli mis-sistema ta' l-E-Mail, Internet, P.I.R.S. u dik ta' l-Armi fejn jidħlu login names u passwords.

PC1041 Rodney Caruana - Huwa orjentat fuq programming ta' *WEB Design & Development*, fejn huwa responsabbli mill-portal ewlieni tal-Korp - www.pulizija.com,






JOLLY Componibili 2

*For kitchens -bedrooms - wallunits - settees - doors*
*Furnishing hotels & holiday apartments*

Mdina Road, Zebbug. - High Street, Hamrun.Tel/Fax: (356) 21 466154

RAUSI

INSURANCE AGENCY LIMITED

Llody's Correspondent, Agents for Atlas Insurance Limited - Licensed & Authorised by MFSA

OUR NAME IS YOUR GUARANTEE

SOME CLASSES OF INSURANCE TRANSACTED:

Motor • Household • Travel • Personal Accident Fire & Special Perils • Theft • Industrial all Risks Hoteliers all Risks Consequential Loss • All Risks-Personal Effects • Money • Plate Glass • Goods in Transit • Employer's Liability • Public Liability Engineering Works • Electronic Equipment Marine Cargo Yachts and Motor Boats






G.B. BUILDINGS, 28, TRIQ IL-WATAR, TA' XBIEX
(corner with Abate Rigord Street & above Opel Showroom)
Tel: 2133 0790, 2133 0810, 2133 0815,
2133 0821, 2133 0826 Fax: 2133 0792 Email: info@rausinsurance.com.mt Website: www.rausinsurance.com.mt



kif wkoll qed jimplimenta sistema ta' Intranet fejn kull membru fi ħdan il-Korp ikollu aċċess għalih. Il-ħsieb kollu wara din l-inizjattiva huwa li jkun hemm materjal ta' nteress li jkun aċċessibbli għal kulħadd, materjal bħal attivitajiet li jkunu qed/ser iseħħu fi ħdan il-Korp, ritratti, aħbarijiet, xogħol relatat mal-Pulizija - bħal *wanted / missing persons* bir-ritratti, etċ. Il-kuntistabbli 1041 huwa l-persuna li ħolqot il-*Web Site* għall-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta - www.mpa.org.mt.

PC335 Mervyn Borg - peress li dan il-kuntistabbli huwa l-aħħar li ngħaqad ma' din l-iskwadra, qed ikun imħarreġ sabiex ikun jista' jassisti lil kuntistabbli 470 Paris sabiex joħloq sistemi zgħar, fejn fil-mument qiegħed jaħdem fuq sistemi sabiex tiġi faċilitata' s-sistema tal-pagamenti tat-telefons u dik għal skedamenti ta' persuni għall-uffiċju ta' l-Interpol.

Sabiex din l-iskwadra tkun iktar konformi max-xogħol rikjest minnha, insibu nukleju ta' nies li xogħolhom huwa li jilqgħu l-isfidi fejn jidħlu tiswijiet u assemblaġġ. Dawn il-membri huma komposti minn Pulizija kif ukoll studenti li ġejjin mill-MCAST fejn jaħdmu fuq skema ta' xogħol u skola u huma sponsorjati mill-Korp tal-Pulizija. Wieħed ma jistax ma jaħsibx li hija ħasra li wara li l-Korp irawwem lil dawn l-istudenti (kif ukoll jintefqu eluf ta' liri fuq kuntratti ma' l-istess studenti) dawn ma jiġux offruti b'impjieg dirett mal-Korp. Kif intqal aktar 'il quddiem, il-persuni li jirċievu t-telefonata fuq ħsarat jew tiswijiet fuq sistemi jew hardware u dawn ma jkunux jistgħu isiru fil-post, il-materjal jiġi mgħoddi lil persuni iktar tekniċi fi ħdan din it-Taqsima. Huwa hawnhekk li jidħol is-*Second Line of Support - Technician's Room.* In-nukleju ta' nies fi ħdan din it-Taqsima li jieħdu ħsieb ta' tibdil kif ukoll ta' assemblaġġ huma:

- PC952 Joseph Grech : *(responsabli wkoll mis-CCTV systems)*
- Mr.Clint Grech
- Mr.Kurt Joseph Pace
- Mr.Joe Nick Farrugia
- Mr.Mark Azzoppardi
- Mr.Antoine Vella

Biex wieħed ikun jista' jikteb għandu bżonn pinna, li din minn naħa tagħha trid tkun komposta minn inka u qafas sabiex din taqdi d-doveri tagħha. Għalhekk huwa mportanti li biex kull sistema eżistenti fi ħdan il-Korp titħaddem kif suppost, wieħed jirrikjedi li jkun imqabad b'sistema ta' *networking* - sistema ta' *wiring* u configurations ta' servers , LAN switches, links u ħafna apparat ieħor li jqabbad lil kulħadd fuq is-sistemi speċifiċi tiegħu.

Xogħol dawn il-membri huwa wieħed kemxejn delikat għas-sempliċi raġuni li jekk sistema ma tkunx, kif jgħidu huma *wired* u mqabbda tajba, allura wieħed ma jistax jaħdem kif jixtieq u tintilef l-integrita' ta' dawn il-persuni. F'dan ir-rigward irid ikun hemm attenzjoni speċjali għal xi nċidenti kunflinġenti li jistgħu jinqalgħu bejn il-mod kif ġew patched il-wires u s-sistemi - fejn jistgħu jinħolqu problemi rreparabbli.

Ta' min wieħed jgħid li n-network li jaħdem bih il-Korp barra li jkopri sitta u għoxrin (26) għassa, jestendi ruħu għall-ajruport, is-seaport u l-marinas ta' Malta u Għawdex.

Dan l-uffiċju huwa magħmul minn żewġ Pulizija u student mill-MCAST:

PC767 Ismael Vassallo - li parti oħra mix-xogħol tiegħu huwa li jieħu ħsieb is-sistemi tal- PISCES, Interpol u Europol, speċjalment fejn jidħol *networking.*

PC558 Maurice Barbara - Parti mportanti mix-xogħol tal-kuntistabbli Barbara huwa li jitħarreġ fuq *networking technology.* Bħalissa hu responsabbli mill-*conversion* u *upgrades* ta' l-infrastruttura ta' l-għarab.

L-istudent James Andrew Sciriha - Dan l-istudent jassisti lil kuntistabblijiet Vassallo kif ukoll Barbara fil-qasam ta' xogħolhom, filwaqt li qiegħed jieħu esperjenzi fuq skala nazzjonali, liema esperjenza mhix ottenibli faċilemnt ma kumpaniji privati.

Uffiċju ieħor fi ħdan din it-Taqsima huwa l-*Procurement Office.* L-għan ewlieni ta' dan l-uffiċju huwa xiri ta' kompjuters u materjal relatat, kif ukoll xogħol ta' riċerka kontinwa.

Biex isir dan it-tip ta' xogħol il-persuna inkarigata trid tjun aġġornata sew f'dak kollu li jkun qed jiġri fid-dinja ta' l-informatika, speċjalment fejn jidħlu sistemi *(Operating systems)* kif ukoll software u hardware. Huwa mportanti li kull biċċa materjal, hi x'inhi, li toħroġ minn din it-Taqsima tiġi mnizzla fl-inventarju sabiex jinżamm rekord ta' kollox. Ta' min wieħed jgħid li preżentament fuq l-investarju nsibu mniżżla mal-elf u ħames mitt biċċa apparat (1,500).

Il-persuni nkarigati minn dan l'uffiċju huma :

PC813 Neville Gafa' - li huwa wkoll responsabbli mis-sistema moderna tal-P.A.B.X tal-*Command and Control Room* u s-sistema tal-112 (in-numru ta' l-emerġenza)

L-istudenta Marie Louise Pullicino - li taħdem ukoll ma' l-uffiċju li għandu x'jaqsam man-networks.

Tkellimna wkoll ma' l-Ispettur inkarigat minn din it-Taqsima (dik Amministrattiva) s-Sur Trevor Sammut. Staqsejnih jekk din l-iskwadra f'dinja globalizzata tal-llum hiex fornuta bit-teknoloġija u r-riżorsi meħtieġa biex tlaħħaq mad-domandi tal-ġurnata.

Kif spjega l-Ispettur, sfortunatament jew fortunatament, tħares lejha kif trid, id-domanda u l-esiġenzi tal-Korp żdiedu





# Orienta *plus*

Looking at the future with a new vision, Orienta Plus is combining the art of making "feel at home" with a young and trendy look. Orienta Plus is now your one stop shop for anything you could ever want for your lifestyle.




Orienta Plus in Tower Street, Swatar. Part of the Orienta Group
Office Telephone Numbers: 2144 5733, 2144 5734, 2144 5735. Fax: 2141 8434
Website: www.orienta.com.mt • E-mail: info@orienta.com.mt




Computer Solutions

141, Old Bakery Street,
Valletta VLT09, Malta

T +356 2552 2000
F +356 2552 2001
E info@computersolutions.com.mt
W www.computersolutions.com.mt

EASY



b'ammont drastiku. Biżżejjed wieħed isemmi l-proġetti, l-aktar dawk li għandhom x'jaqsmu ma' l-Unioni Europea, li qegħdin literalment ifaqsu minn gimgħa għal oħra, u allura jpoġġi lil membri ta' din it-Taqsima f'pożizzjoni li jrid jaħdem it-triplu li huwa rikjest minnu sabiex kulħadd jinqeda bl-aktar mod professjonali. Fid-dwal ta' dan kollu wieħed irid japprezza l-fatt li ħafna drabi din it-Taqsima taħdem taħt pressjoni, speċjalment meta jitqiesu l-limitazzjonijiet kollha, fosthom in-nuqqas ta' nies meta dan jiġi komparat mad-domanda kbira ta' xogħol li jaqa' fuq l-istess Taqsima.

Is-Sur Sammut kompla jgħid li għalhekk huwa mportantissimu li kull membru li jagħmel parti minn din it-Taqsima jitgħallem u jżomm ruħu aġġornat f'kollox, anke f'dawk l-oqsma li forsi mhux speċjalizzat fihom. Dan il-fattur huwa ta' mportanza kbira għal fatt li ninsabu f'alleanza (u aktar importanti) f'kompetizzjoni ma' pajjiżi oħra Ewropej. Wieħed ma jistax jaqa' lura. Huwa mportanti li mhux biss nilħqu, iżda jekk jista' jkun neċċedu l-istandards mitluba minn pajjiżna, speċjalment fejn tidħol Data *Access* u *Data Security*. Din ta' l-aħħar waħidha qed titlob li mat-Taqsima tiżdied persuna li xogħolha jkun speċifikament biss fuq Data Security.

Bħal ma jaf kulħadd, fejn tidħol it-teknoloġija ta' l-informatika, il-Gvern għandu entita' li permezz tagħha jirregola x-xogħol kollu fid-dipartimenti tal-Gvern - kemm f'dak li huma sistemi, apparat u manutenzjoni. Fid-dawl ta' dan kollu staqsejna lis-Sur Sammut kemm in-nies li għandu taħt it-tmexxija tiegħu humiex kompetenti sabiex ikunu fdati li joħolqu s-sistemi li l-Korp għandu bżonn sabiex jimxi 'l quddiem fl-isfera teknoloġika.

B'responsabbilita' kbira s-Sur Sammut qalilna li n-nies li jaħdmu f'din it-Taqsima qatt ma jistgħu jkunu kompetenti biżżejjed f'dan ir-rigward, għall-fatt li t-teknoloġija fid-dinja tal-llum tinbidel mill-lejl għan-nhar u allura ma jistgħax ikollok persuna li trid taqdi ħafna essiġenzi u fl-istess ħin trid ammont kbir ta' ħin sabiex titgħallem.

Għalkemm ir-riżorsi umani huma ftit, l-inizjattiva li wieħed jitgħallem u forsi jesperimenta qatt ma qatgħu qalb dawn in-nies, u dan jidher fid-diversi sistemi li ġew introdotti u mplimentati fil-Korp. Dan ma jeskludiex li jekk forsi kien hemm iktar nies l-affarijiet ma kienux isiru aħjar, pero' r-riżultati meħtieġa waslu u waslu bi kbir.

Eżempju ta' dan jidher f'dak li għandu x'jaqsam mal-*patching* tan-*network, software (operating systems)* u *hardware,* fejn wieħed jista' jgħid li nħabtuha sew ma' kumpaniji kemm privati kif ukoll ma' dawk tal-Gvern. Wieħed ma jistax ma jsemmiex li f'dawn l-aħħar sentejn ġew implimentati mhux inqas minn sitt sistemi, liema sistemi huma mqabbda direttament ma' entitajiet Ewropej fil-qasam pulizijesk.

Biex dan ix-xogħol isir sew u professjonalment kienu konsultati (f'dak li huma ideat, għajnuna u pariri) kumpaniji kemm lokali kif ukoll barranin, bħal ngħidu aħna DELL, Hewlett Packard, Microsoft u dan l-aħħar Oracle wkoll. Għalkemm primarjament hija l-persuna li tigwadanja minn dan kollu, dan jiġi riflett fix-xogħol li jsir minn dawn l-istess nies.

Kif intqal qabel, hemm bosta s-sistemi li huma għad-dispozizzjoni tal-Korp, u għalhekk il-ħidma kontinwa ma' dawn l-entitajiet hija kbira. Wieħed ma jistax ma jsemmiex dipartimenti bħal l-Awtorita' dwar it-Trasport (A.D.T.), Malta Commun- ications Authority (M.C.A.), Malta Tourism Authority (M.T.A.). Fuq bażi governattiv, wieħed ma jeskludiex il-ħidma kontinwa li ssir mal-Ministeru tal-Ġustizzja u Intern (MJHA), Ministeru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija tal-Informazzjoni (MIITI), mall-Management Efficiency Unit (MEU), Central Information Management Unit (CIMU) (li huma r-regolaturi għas-sistemi u standards tal-Gvern), u mal-Malta Information Technology and Training Services Ltd (MITTS Ltd), li din tieħu ħsieb is-sistemi u n-network globali tal-Gvern kif wkoll tal-Pulizija.

Din it-Taqsima fil-limitazzjoniet kollha tagħha dejjem ħalliet l-impatt mixtieq. Huma bosta l-għodod li wieħed ikun jixtieq li għandu sabiex jiġu utilizzati għal servizz aħjar. L-industrija ta' l-informatika tavvanza u ta' spiss tinbidel anke fil-kunċett, tant illi wieħed ma jkunx jista' jibqa' jirraġuna bħal ma kien fix-xhur jew snin ta' qabel fl-istess ħin, l-istess avvanz teknoloġiku joħloqlok 'ostakli' oħra bħal bdil ta' apparat ( li ħafna drabi jfissru finanzi) u raġunar differenti. L-ikbar diffikulta' li din it-Taqsima taffaċċja hija l-mentalita' li ma tirriflettix l-avvanz teknoloġiku u operattiv ta' dan iż-żmien u dak li jkun ġej. Hafna mix-xogħol magħmul minn din it-Taqsima ma jidhirx, wara kollox, bħal ma jiġri fil-bosta Sezzjonijiet u Branki fi ħdan il-Korp. Min qed juża l-kompjuter jara dak biss - kompjuter, minn hemm 'l quddiem kollox huwa wara l-kwinti.

Wieħed irid iżomm f'moħħu li fid-dinja u l-ġurnata tal-llum persuna ma tistgħax tgħaddi mingħajr ma tagħmel użu mit-teknoloġija.

Pero' wieħed ma jistax jagħlaq dan l-artiklu mingħajr ma juri s-sodisfazzjoni u jagħti l-merti kollha lil dawn in-nies li fil-limitazzjoni tagħhom dejjem żammew isem il-Korp tal-Pulizija ta' Malta fuq nett f'dak kollu li għamlu u wettqu.




DEDICATED MICROS (MALTA) LTD
We put MALTA's SECURITY needs UNDER THE SPOTLIGHT
Technological developments pioneered by
DEDICATED MICROS
have formed the building blocks for the success of today's CCTV Industry. Those building blocks form the core architecture of DM's Networked Server Products. When you choose a DM product you buy DM's fundamental design philosophies.
MALTA INTERNATIONAL AIRPORT
ANK MACH
WWW.dedicatedmicros.com
Industrial Estate, San Gwann. E-Mail: sales@dmicros.com.mt • For more information call
PSi Product of the Year Awards 2003 WINNER
IFSEC SECURITY INDUSTRY AWARDS 2·0·0·1 WINNER
IFSEC SECURITY INDUSTRY AWARDS WINNER 2·0·0·2
DEDICATED MICROS
Tel: 21 483 673

# Fl'Okkażjoni tal-191 sena mit-twaqqif tal-Korp








Avvenimenti li seħħew bejn l-1 ta' Lulju u l-13 ta' Lulju 2005 fl-okkażżjoni tal-191 Anniversarju ta' twaqqif tal-Korp tal-Pulizija.







Wirjiet li taw il-membri tal-Banda u l-Precision Drill Team fid-diversi lokalitajiet madwar Malta. Preżenti kien hemm ukoll membri mit-Taqsimiet tat-Traffiku kif ukoll mill-Kavallerija.









Diversi attivitajiet li kienu mtella' mill-Korp tal-Pulizija ġewwa Pjazza Ħelsien, il-Belt Valletta, fosthom wirja ta annimali kif ukoll wirja ta' delizzji ġewwa ċ-Ċentru ta' Kreattivita' San Ġakbu.














F'Jum il-Pulizija jiġu mfakkra ukoll dawk il-membri li mietu jew waqt il-qadi ta' dmirijiethom jew li għamlu parti mill-Korp tal-Pulizija. Din l-okkazzjoni tiġi ċċelebrata permezz ta' Quddies ġewwa ċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata u wara jsir it-tberik tal-qabar fejn hemm mitfuna l-istess membri.

## Jum il-Pulizija - 12 ta' Lulju 2005






















Jum il-Pulizija – 12 ta' Lulju, 2005. Din il-ġurnata tkun kommemorata b'quddiesa pontifikali ċċelebrata mill-Arċisqof ta' Malta Giuseppe Mercieca. Wara l-quddies fi Pjazza San Ġorġ il-pubbliku seta' jammira t-taqsimiet fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.
















Parti mid-defile' fejn jidhru s-Sezzjoni tat-Trades, dik ta' l- ALE kif ukoll tar-Roti, l-Skwadra Mobbli u l-Mobile Police Station.











Għal l-ewwel darba din is-sena ppartecipaw membri tal-Pulizija minn kull stat membru fl-Unjoni Ewropea. Din is-sena wkoll il-pubbliku seta' jsegwi d-defile' b'iktar kumdita permezz ta seating li sar madwara ta' Pjazza San Ġorġ.









Riċeviment li sar ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija għall-membri u uffiċjali tal-Korp, kif ukoll għall-mistednin distinti.















F'Għawdex ukoll jiġi ċ-ċelebrat Jum il-Pulizija fit-13 ta' Lulju, 2005, fejn l-attivita' tibda b'quddiesa fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija fejn wara jsir servizz fuq il-Qabar tal-Korp. Wirjiet mill-membri tal-Banda, mill-Precision Drill Team kif ukoll mis-Sezzjoni tal-Klieb ikkumplimentat is-serata ġewwa Marsalform.

# AZZOPARDI FISHERIES
Traditional Name for Fresh Fish & Live Shellfish



**ATTARD FISH SHOP**
Triq Il-Linja, H' Attard
Tel: 21 421 796

**GZIRA FISH SHOP**
GZIRA – Tel: 21 311 145

**PESCERIA SAN GWANN**
SAN GWANN – Tel: 21 377 800

**AZZOPARDI FISHERIES**
ST. PAUL'S BAY – Mosta Road,
Tel: 21 571 148, 21 581 109
Fax: 21 576 017
E-mail: azzopardifisheries@keyworld.net

**ARCADIA**

**PORTOMASO**

**TA' L-IBRAGG**
Tel: 21 382 448

**ATTARD – Triq il-linja**
Tel: 7905 4787

# Tasty & Fresh
*since 1946*



Golden Harvest Manufacturing company has been around since 1946. Originally starting off as a small baking company, Golden Harvest has extended their product portfolio by branching off into confectionery and ice cream manufacturing over the past 20 years. Golden Harvest Manufacturing supply a various number of products to both the HORECA trade as well as the retail sector. The latest addition to the Golden Harvest family is their new range of Health products.

ALASKA ICE CREAM

SINCE 1946
Golden Harvest
THE PEOPLE WHO BAKE TASTY & FRESH

Turu Colombo Sq. Gzira, Malta Tel: 21 332391 - 21 334382, Fax: 21 310044

Golden Harvest Manufacturing Co. Ltd. is a proud member of the American Society of Baking



# GOOD EARTH
NATURAL FOODS

HEALTHY EATING

| Billington's | granoVita | KALLO | PROVAMEL alpro soja | JORDANS | Brown & Rye makers of true foods | Pantaleo | La Gallinella | AURELI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Natural Cane Sugars | Soya Milk & Yoghurt | Rice Cakes & Stock Cubes | Soya Milk & Desserts | Breakfast Cereals & Crunchy Bars | Fresh Sandwiches & Salads | Extra Virgin Olive Oil | Organic Rice & Rice Oil | Gluten Free Pasta & Carrot Juice |

Balluta Shop
Balluta Piazza Tel: 2134 1853
info@goodearth.com.mt

Trade Enquiries
Tel: 2143 1309, Fax: 2142 1873
sales@goodearth.com.mt

Smart Shopping Complex
Tel: 2149 0057
info@goodearth.com.mt

Good cooking begins with good shopping...

# Is-Sezzjoni tar-Roti tal-Pulizija





Il-ġlieda kontra l-kriminalita' minn dejjem kienet prijorita' importanti fil-Korp tal-Pulizija. Huwa għalhekk li nħasset il-ħtieġa li għandha tiżdied biċċa għodda oħra sabiex jiġi miġġieled dan il-fenomenu - l-introduzzjoni tar-roti fit-toroq Maltin. Għalkemm l-użanza tar-roti fit-toroq inqatgħet żmien ilu, reġa' inħass il-bżonn li dawn ikunu parti integrali mix-xogħol tal-Pulizija ta' Malta.

L-użu tar-rota fil-Korp tal-Pulizija m'hiex xi ħaġa ġdida. Fi żmien il-gwerra r-rota serviet diversi funzjonijiet, bl-aktar waħda mportanti tkun ir-ronda li kienet issir fit-toroq Maltin u Għawdxin. Għalkemm mal-milja taż-żmien l-użu tar-rota beda jinqata', f'ċerti lokalitajiet din ghadha tintuża' mill-Pulizija.

Huma bosta l-Pulizija madwar id-dinja li jagħmlu użu mir-rota bħala għodda biex jiġġieldu kull tip ta' kriminalita'. Għalhekk il-Kummissarju s-Sur John Rizzo ħaseb li huwa opportun li r-rota terġa' tiġi ntrodotta fit-toroq Maltin, u dan wara li sar studju ddetaljat fuq is-sitwazzjonijiet applikabbli kollha għal gzira tagħna.

L-introduzzjoni tar-roti ma setgħax sar f'ħin aktar opportun, u ċioe', f'għeluq il-191 Annivesarju mit-Twaqqif tal-Korp tal-Pulizija - Jum il-Pulizija 2005. Kulħadd seta' jara li waqt id-Defile' ġewwa Pjazza San Ġorġ kien hemm tipparteċipa ukoll is-Sezzjoni tar-Roti tal-Korp tal-Pulizija - erba' roti tat-tip Mountain Bike u tal-marka Trek. L-ispeċifikazzjonijiet ta' dawn ir-roti huma ezatt bħal dawk li jutilizzaw korpi oħrajn, fosthom dawk Ingliżi kif ukoll amerikani.

It-Tnejn 25 ta' Lulju, 2005 tneddiet l-ewwel esperjenza - ronda permezz tar-roti fl-aktar postijiet remoti u l-aktar frekwentati kemm mill-Maltin kif ukoll mill-barranin - dawk ġewwa tas-Sliema u l-Għadira. Din is-sezzjoni taqa' taħt is-Sezzjoni tal-Administrative Law Enforcement.

F'din l-ewwel esperjenza tagħhom, PC257 Godwin Scerri u PC800 Jason Mercieca stqarru li n-nies laqgħu din l-inizjattiva pożittivament, fejn ikkumentaw li jawgura tajjeb li l-Pulizija tkun attrezzata adekwatament u li timxi maż-żminijiet tal-llum. Kumment li ħareġ mingħand il-bosta kien li s-sorveljanza m'għandhiex tieqaf ma' inżul ix-xemx, imma għandha ssir ukoll fil-għaxijiet, fejn għandek bosta Maltin u barranin li joħorġu fil-għaxijiet jippassiġġaw u għalhekk dak huwa l-aktar ħin li l-pubbliku jkun vulnerabbli għas-serq.

Koppja Maltin stqarret li għalkemm fis-sajf wieħed jara membri minn sezzjonijiet varji tal-Korp jagħmlu ronda f'diversi lokalitajiet madwar Malta, l-użu tar-rota jqarrab iktar lil pubbliku lejn il-Pulizija. Koppja mill-Macedonja qalu li l-Pulizija fuq ir-roti hija ideja tajba ħafna u jirrikomandaw li ssir sezzjoni bħal dik ta' Malta fil-Maċedonja.

Kienet imfaħħra ukoll it-tip ta' uniformi użata - poloshirt ta' kulur ikħal ċar, bermuda blu u l-aktar ħaġa importanti l-elmu - uniformi li tagħmel xogħol dawn il-Pulizija iktar faċli u li wieħed jaħdem iktar komdu.

Vantaġġ li l-Pulizija bir-roti għadhom huwa li jistgħu jinżlu fuq il-blat u f'postijiet normalment mhux aċċessibbli għal vetturi oħra bħal muturi u karozzi. Wieħed irid jiftakar li bniedem fuq rota huwa ferm eħfef minn persuna bil-mixi.

Il-Kuntistabbli 1403 Anthony Spiteri, li huwa stazzjonat l-Għassa ta' l-Għadira sab li permezz tas-sorveljanza bir-roti naqsu ħafna r-rapporti ta' serq minn fuq il-bajjiet li kienu jiġu rrapurtati fl-Għassa ta' l-Għadira. Din l-Għassa reġgħet infetħet din is-sena, u kienet parti minn proġett ta' restawr li l-Korp tal-Pulizija qiegħed jagħmel fl-Għases madwar Malta.

Il-ħidma ta' dawn il-Pulizija tidher li qiegħda tagħti l-frott mixtieq fejn inqabdu numru ta' persuni jisirqu oġġetti kemm ta' Maltin kif ukoll ta' barranin.












Msida multi-level intersection


Plaza Commercial Centre, Sliema


Msida multi-level intersection


St. James Art Centre, Valletta


Piling works for Enemalta, gas turbine foundations

**BALLUT BLOCKS LTD.**

**Civil Engineering Contractors, Manufacturers of precast concrete products and suppliers of building materials.**

Ballut Blocks Limited, Wied Filep, L/O Naxxar
• Tel: 21 573093, 21 572666 • Fax: 21 575562



# Wirja ta' delizzji mill-membri tal-Korp tal-Pulizija

PC 1155 C. Mangion
C.M.R.U.











Fl-okkażjoni tal-191 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Korp tal-Pulizija, 10 membri mill-Korp ipparteċipaw f'wirja ta' delizzji li nżammet ġewwa ċ-Ċentru ta' Kreattivita' ta' San Ġakbu, l-Belt Valletta.

L-oġġetti esebiti kienu jvarjaw immensament, minn brieret u elmijiet, għal pitturi, statwi magħmula bl-idejn, scale models u xogħol ta' l-idejn. Il-wirja nfetħet it-Tnejn 4 ta' Lulju, 2005 u żaruha numru sabiħ ta' nies.

Is-Surġent Carmel Micallef esebixxa numru ta' skulturi magħmula minn diversi zkuk tas-siġar, filwaqt li s-sezzjoni mtella' mis-Surġent Saviour Garcia kienet tikkonsisti minn elmijiet bil-ponta ta' żmien il-Kaiser Wilhelm I u Wilhelm II (1854-1916). Fost dawn kien hemm elmu ta' Erich von Ludendorff, il-kap kmandant tal-qawwiet Ġermanizi fl-Ewwel Gwerra dinjija.

Il-Kuntistabbli David Sciberras tella' wirja magħmula minn numru ta' brieret, kpiepel u karozzi utillizati minn diversi korpi tal-Pulizija barranin. Il-Kuntistabbli Pierre Bugeja u Stephen Vassallo rispettivament esebixxew skulturi reliġjużi maħduma bl-idejn u gallarija tipika Maltija, ukoll maħduma bl-idejn. Pitturi astratti kif ukoll numru ta' pitturi moderni kienu preżentati mill-Kuntistabbli Clinton Pace u l-Kuntistabbli Daniel Scerri, filwaqt li l-Kuntistabbli Carmelo Caruana u l-Kuntistabbli Chris Mangion esebixxew numru ta' mudelli (scale models / figures) li kienu jvarjaw minn ajruplani tat-Tieni Gwerra sa persuni minn stejjer tal-fantaxjenza. Mudell ta' ajruplan tat-tip FW190 li kien esebit




HIRE PURCHASE
TERMS AVAILABLE
FREE DELIVERY!
it's about feeding your dreams
it's about character
it's about a refreshing change
only Lm 48
only Lm135
only Lm 89
New range of teak and hardwood furniture at great value prices at ASL
ASL
Visit an ASL showroom
Blata l-Bajda – 21 234 234 Msida – 21 333 333


RUGGED GPS NAVIGATION THAT FITS ON YOUR BIKE
GPS navigation for your motorcycle with turn-by-turn routing and voice prompts
- Multiple use - road, water and trail
- Pre-loaded mapping for your region, plus European City Select® offering detailed mapping throughout Europe
- Full routing to specific addresses or millions of points of interest including hotels, services and local attractions
- 256 Colour sunlight readable TFT displays
- Waterproof to IEC529 IPX7
- Li-ion battery (20 hours life
GARMIN
QUEST
4, Msida Road, Gzira.
Tel: 2133 5521 Fax: 2131 0820
Mob: 7947 1291
Website: www.medcomms.com.mt
Email: admin@medcomms.com.mt
Medcomms Limited
MARINE ELECTRONICS


G&P BORG LTD.
BUILDING & CIVIL ENGINEERING CONTRACTORS
CONCRETE & HOLLOW CONCRETE BLOCKS SUPPLIERS
CONSCARM, TRIQ TAL-IBRAG, TAL-IBRAG STJ 03 - MALTA
TEL: 21374179, 21376961, 21382028, 21382034 • FAX: 21381971 • MOBILE: 9949 7622, 9947 8521
Building Sites
Blok A Brik Hollow Concrete Bricks Plant
Building Sites
Blok a Brik Bricks
RMC and Concrete Pump



mill-kuntistabbli Caruana dan l-aħħar rebaħ it-tielet post f'wirja internazzjonali li nżammet fl-Ingilterra. Il-kuntistabbli mara Priscilla Caruana esebit kwadru tal-Madonna tal-Karmnu magħmul mill-labar u lewlu.

Għal l-għeluq tal-wirja attenda l-Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja l-Hon. Dr Tonio Borg li faħħar ix-xogħol magħmul mill-membri tal-Korp u ħeġġiġhom biex ikomplu bid-delizzju artistiku tagħhom, fejn dan ħafna drabi jsir wara l-ħin twil ta' qadi ta' dmirijiethom. Il-Ministru qal li meta wieħed jikkunsidra x-xogħol stressanti tal-Pulzija wieħed japprezza l-bżonn ta' delizju fejn wieħed jirrilassa u jħalli l-krejattivita tiegħu timraħ.



Fid-diskors tiegħu l-Kummissarju tal-Pulizija, s-Sur John Rizzo rringrazzja lil dawk preżenti tal-parteċipazzjoni tagħhom, fejn ħeġġiġhom sabiex ikomplu jesprimu d-delizzju tagħhom, fejn dan juri d-determinazzjoni ta' kull membru preżenti fejn jidħol ħin liberu. Il-Kummissarju nnota li din kienet it-tieni sena li nżammet din il-wirja u l-parteċipazzjoni mill-membri tal-Korp kienet iktar minn dik ta' l-ewwel sena.

Wara d-diskorsi tal-Ministru ta' l-Intern u l-Ġustizzja l-Hon Dr Tonio Borg u l-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo, tqasmu ċertifikati ta' parteċipazzjoni lil kull membru tal-Korp li ħa sehem f'din il-wirja ta' delizzji.

THINKING OF RENTING OR LEASING A VEHICLE?


CARS


VANS


TRUCKS


REFRIGERATED VEHICLES


SPECIAL PURPOSE VEHICLES

AT BURMARRAD COMMERCIALS WE OFFER A VARIETY OF VEHICLES FOR RENT OR LEASING FOR SHORT OR LONG TERM

BURMARRAD RENTALS & LEASING

*For all your Motoring needs with a Professional service.*

Burmarrad Road, Burmarrad Tel 21 573261 / 21 581118 E-mail: info@bc.com.mt

www.bc.com.mt


Disney
THE INCREDIBLES
Bob Parr
Dash
JackJack
Helen Parr
BRATZ
Jade
Yasmine
Cloe
Sasha
REDOCTOBER
COMPANY LIMITED
IMPORTERS & DISTRIBUTORS OF CONFECTIONERY, FOODSTUFFS, TOBACCO, WINES & SPIRITS
P O BOX 3, QORMI QRM 01, MALTA
TEL: +356 2147 0400
FAX: +356 2147 0300
E-mail: carlosc@onvol.net
redoct@onvol.net


MK
THE SAFETY ASPECT
MK is renowned for the exceptional safety of it's products. All MK sockets have unique MK 3-pin safety shutters, allowing access to the supply only when all 3 pins of a standard British plug are in place. All MK products are tested to exceed British standard requirements.
itc
White House Buildings,
Mountbatten Street,
Blata l-Bajda HMR 02
Tel: 21 220644
Web: www.itc-malta.com
It's Simply Safer to say MK
10% discount on presentation of this advert


Portelli & Brincat Ltd
• False Ceilings
• Blinds
• Curtain Rails
• Insect Screens
• PVC Anti-Umdita Wallpaneling
• PVC Folding Doors
• PVC Shower Cubicles
• Laminated Floori
• Gypsum Partitions - Wall Lining
• Rasch Wallpaper & Borders
• Coving, Mouldings & Ceiling Centres
• Rockwool Insulation & Sound Proofing Products
Retail Outlets: St. Venera Tel: 21 240001,
Fgura Tel: 21 691029, Mosta Tel: 21 433975
Factory & Office:
M1A, Triq il-Kukkanja, St. Venera HMR 07
Tel: 21 488119, 21 482831 Fax: 21 494912
Web Site www.portelliandbrincat.com.mt
E-mail sales@portelliandbrincat.com.mt

# Medalji tal-Pulizija għall-Servizz twil u kondotta tajba

## (Long Service & Good Conduct) 29 ta' Marzu 1922

Bejn is-snin 1880 u 1890 fiż-żmien il-Kummissarji, Il-Kulunell Attillo Sciberras (1880-84), il-Kaptan Richard Casolani RMFA (1884-88), u l-Logutenent Kulunell Melitone Caruana (1888-90) kienet tezisti il-Good Conduct Badge pero' mar-ri-organizzjoni tal-1890 din il-Badge ma' baqatx tingħata.

Il-Kurunell Henry W. Bamford O.B.E kellu opinjoni differenti. Bħala suldat kien jaf kemm l-għoti ta' midalji kien jgħolli l-moral u fiż-żmien li kien hu Kummissarju (1919-22) il-moral fil-Korp tal-Pulizija kien baxx ferm. Huwa ħass li dawk il-Pulizija li kienu taw servizz twil u kienu eżemplari fuq xogħolhom kellhom jingħataw midalja bħala rikonoxximent ta' ħidmithom.

Għalhekk ħeġġeġ lill-Gvernatur ta' Malta Field Marshall Viscount Plumer (1919-24) sabiex dan iwaqqaf *il-Long Service and Good Conduct Medal.* Il-Gvernatur Plumer kiteb lil uffiċċju tal-kolonji rigward din il-proposta u din ġiet milqugħa. Fil-Gazzetta tal-Gvern ta' 1 ta' Novembru 1921 avviż numru 284 kien isemmi it-twaqqif ta' din il-midalja flimkien mar-rekwiżiti li wieħed kien jeħtieġ biex ikun elleġibbli għaliha.

Nhar id-29 ta' Marzu 1922 fl-10.30 ta' filgħodu Field Marshall Viscount Plumer ingħata is-salut *mir-Royal Malta Fencible Artillery* (RMFA). Dawn kienu fuq in-naħa tal-lemin ta' Misraħ San Ġorġ (Palace Square). F'nofs il-Pjazza eżattament quddiem il-Main Guard grupp ta' Pulizija kienu bl-attention. Il-Kumissarju Bamford flimkien ma' l-għola awtoritajiet fosthom il-Prim Ministru Joseph Howard O.B.E., Sir Ugo Mifsud K.B., uffiċċjali ta' l-Armata u n-Navy, kif ukoll fizzjali għolja tal-Korp tal-Pulizija ħadu posthom fin-nofs tal-pjazza.

Fuq mejda ta' l-injam ġew impoġġija *l-midalji tal-Long Service and Good Conduct* u wara li ndaqq *il-'God Save the King'* ingħata bidu għaċ-ċerimonja. L-ewwel ma' ġie msejjaħ kien l-Ispettur G. Briffa u wara dawn il-membri tal-Korp:

*Spettur:* G.Briffa,
*Surġenti:* Ps15 P.Buhagiar, Ps18 V.Apap, Ps5 B.Camilleri, Ps14 G.Casha, Ps22 C.Muscat, Ps2 P.Zammit, Ps64 C.Mangion, Ps A.Sacco, Ps10 L.Rapa, Ps385 E.Debono, Ps17 P.Vella, Ps31 F.Buttigieg, Ps401 L.Galea,Ps145 C.Sammut, Ps130 P.Zammit, Ps395 M.Zammit, Ps310 P.Theuma.

*Kuntisstablijiet:* Pc143 M.Farrugia, Pc261 G.Sammut, Pc152 G.Agius, Pc237 C.Abdilla, Pc318 G.Vella, Pc150 S.Farrugia, Pc142 C.Cordina, Pc377 S.Borg, Pc250 G.Camilleri, Pc351 S.Borg, Pc175 G.Gatt, Pc397 A.Vella, Pc215 G.B.Vella, Pc389 G.Bugeja, Pc160 G.M.Gauci Pc189 G.Saliba, Pc138 A.Aquilina, Pc365 B.Camilleri, Pc82 S.Cassar, Pc267 C.Mifsud, Pc331 G.Mallia, Pc119L.Mifsud , Pc91 G.Cilia, Pc83 D.Cordina, Pc296 F.Galea, Pc152G.Agius, Pc313 C.Gauci, Pc135 G.Muscat, Pc151 F.Tabone, Pc198 A.Said, Pc372 G.Anastasio, Pc343 F.Gatt u Pc341 G.Attard.



Long Service & Good Conduct Medal
1922 Medals being awarded to Police Corps members by Lord Viscount Plumer Governor in Palace Square, Valletta 29th March 1922

Kull wieħed kien issellem, jieħu b'id il-Gvernatur Plumer, l-ajjutant kien inewell il-midalja u din titwaħħal fuq in-naħa tax-xellug tas-sider ta' l-uffiċċjal tal-Pulizija fost iċ-ċapċip tal-folla preżenti.

Ritratt meħud nhar id-29 ta' Marzu, 1922 meta il-midalji ingħataw fil-pubbliku bħala rikonoximent għal qadi u serviżż twil.
PS614 S.Garc - Kuratur tal-Muzew

The Museum Curator appeals to the public and members of the Force that if they have in their possession objects including photographic material they can loan/donate same to be photographed and the originals returned. No questions will be asked, our aim is to embellish our Museum. The curator PS614 S.Garcia may be contacted on Tel: 2294 2247 - THANKYOU

Referenzi: Edward Attard 'STORJA TAL-PULIZIJA' - Walter Camilleri ' IL-PULIZIJA MAGAZINE

# Għoti ta' Medalji tas-Servizz Twil u Effiċjenti



Nhar is-7 ta' Lulju 2005 ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija saret iċ-ċerimonja ta' l-għoti tal-Medalji tas-Servizz Twil u effiċjenti lil 340 membru tal-Korp. Preżenti għaċ-ċerimonja kien hemm il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dr Tonio Borg u s-Segretarju Parlamentari Dr Carmelo Mifsud Bonnici.

F'kelmtejn tal-ftuħ il-Kummissarju tal-Pulizija awgura lill-membri kollha preżenti u qal li dan il-Jum huwa mportanti ħafna kemm għall-membri preżenti kif ukoll għal Korp tal-Pulizija. Il-Kummissarju awgura ukoll li jkun hemm aktar okkażżjonijiet bħal dawn fil-futur.

Il-Ministru Dr Tonio Borg ħabbar li l-medalji li kienu ser jingħataw kienu maqsumin fi tliet kategoriji: dawk il-membri li għandhom mill-anqas 18-il sena servizz, lil dawk li għandhom mill-anqas 25 sena servizz, u dawk li għandhom aktar minn 30 sena servizz. Il-Ministru qal li dawn il-medalji huma medalji ta' lealta' lejn il-Korp tal-Pulizija u lejn il-poplu Malti. Dr Borg sostna li huwa aktar importanti li wieħed ikollu l-'medalja' ta' l-irgulija u li jimxi ta' nies man-nies. Il-Ministru għamel ukoll referenza lejn stħarriġ li ġieli saru u li jindikaw li l-poplu inġenerali japprezza x-xogħol tal-Pulizija u għandu fiduċja lejn il-Korp tal-Pulizija. Fl-aħħarnett il-Ministru kkonkluda billi awgura lill-membri tal-Korp prezenti u lill-familji tagħhom.

**Medalji tas-Servizz Twil u effiċjenti:**

**Assistenti Kummissarji**
Paul Debattista, Paul Sammut

**Supretendenti**
Raymond Vella Gregory, Antoine Casha, Peter Paul Zammit

**Spetturi**
Anthony Cassar, Walter Spiteri, Carmel Magri, John C Ellul, Stephen Mallia, Carmel Abdilla

**Surġenti**
496 Godwin Borg, 907 Raymond Zammit, 489 George Attard, 567 Judan T Bajada, 768 Silvio Brincat, 614 Saviour Garcia, 836 Alex Taliana, 78 Joseph Cremona, 16 Maltin Cordina, 369 Jospeh Mizzi, 586 Joseph Brincat, 765 Sammy Attard, 1040 John Grima, 1043 Francis Pace, 1208 Charles Galea, 1218 Raymond Vella, 1211 Richard J Zammit, 1113 Emanuel Aquilina, 162 Joseph Howard, 634 Wilfred Imbroll, 130 Iivan Cilia, 796 Gerald Borg, 822 Mario Agius, 1133 Joseph Borg, 888 Dunstan Camilleri, 850 Simon Buttigieg, 1102 Robert Everest, 881 Charles Grech, 154 Jesmond Cassar, 565 Raymond Bonnici, 874 Patrick Zammit, 1067 Mario Spiteri, 318 Francis Rogers, 222 John M Camilleri, 516 Alphone Borg, 48 Mary Louise Grech, 45 Marisa Bartolo.

**Kuntistabblijiet**
17 Carmel Lia, 802 Joseph Chircop, 803 Francis Farrugia, 804 Leonard Formosa, 805 Joseph Galea, 807 Felix Vella, 835 Carmel Grech, 852 Pierre Bugeja, 854 Mario Bonnici, 861 Joseph Cassar, 841 Raymond Mallia, 118 Lawrence Buttigieg, 178 Carmel Curmi, 203 Richard Cilia, 217 Peter Paul Dibben, 230 Joseph Buhagiar, 235 Raymond Bristow, 242 Raymond Buttigieg, 255 Anthony Mangion, 299 Carmel Mallia, 305 Alfred Gauci, 326 Godwin Spiteri, 357 Chris Sammut, 354 Anthony Spiteri, 317 Joseph Mercieca, 406 John Scerri, 439 Lawrence Zarb, 466 Paul Mercieca, 499 Emanuel Buhagiar, 502 Anthony Mizzi, 511 Mario Saliba, 551 Joseph Castagna, 571 Francis Muscat, 574 Emanuel Buhagiar, 591 Stephen Gravina, 603 Vincent Buhagiar, 604 Emanuel Agius, 622 Emanuel Cutajar, 610 Lawrence Grima, 662 Albert Grech, 107 Francis Borg, 320 Christopher Parnis, 740 Joseph Agius, 672 Emanuel Muscat, 674 John Muscat, 694 Michael Borg, 650 Noel Bartolo, 629 Mario Axiaq, 639 Joseph Bugeja, 712 Mario Fabri, 721 Anthony Cassar, 731 John Abela, 733 Joseph Galea, 741 George Spiteri, 745 Godfrey Formosa, 761 Joseph Tanti, 902 David Debattista, 932 Lewis Bigeni, 936 Generoso Mifsud, 948 Joseph Muscat, 953 Lawrence Cassar, 938 Anthony Brincat, 1366 Mario Decelis, 780 Arsenio Bilocca, 730 Raymond Vella, 608 Peter Cordina, 618 Carmelo Vella, 631 Francis Dalli, 632 Michael Galdes, 677 Joseph Pace, 683 Mario Caruana, 693 Godwin Buhagiar, 541 Patrick Falzon, 736 Vincent Falzon, 416 Emanuel Chircop, 454 Joseph Zammit, 24 Martin Pace, 33 Anthony Chircop, 54 Mario Bruno, 66 Emanuel Mamo, 77 Carmel Parnis, 89 Joseph DeBrincat, 95 John Mallan, 117 Alfred Mangion, 188 Joseph Cilia, 209 Joseph Debattista, 80 Carmel Vella, 251 Gaetan Mifsud, 85 Cyril Butters, 236 Mario Camilleri, 438 Joseph Schembri, 444 Emanuel Vassallo, 638 Carmelo Vassallo, 638 Carmelo Psaila, 619 Joseph Micallef, 793 Alfred Camilleri, 598 Peter Magro, 264 Robert Spiteri, 211 Paul Mazzitelli, 269 Emanuel Tabone, 638 Carmelo Psaila, 619 Joseph Micallef, 793 Alfred Camilleri, 598 Peter Magro, 269 Emanuel





Tabone, 375 Michael Dalli, 350 Emanuel Said, 258 Mario Mallia, 390 Joseph Ellul, 21 George Mercieca, 379 Joseph Azzopardi, 58 Raymond Chetcuti, 79 Antoine Grixti, 115 Vincent Zammit, 140 Carmel Saliba, 170 Edward Calamatta, 897 Alfred Chircop, 801 Paul Abela, 569 Anthony Cassar, 821 Walter Camilleri, 877 Eddie Abela, 883 Paul Azzopardi, 979 Raymond Azzopardi, 984 Oreste Schembri, 987 Joseph Incorvaja, 999 Jesmond Chircop, 1009 John Cassar, 1029 Alfred Spiteri, 925 Joseph Tanti, 927 David Grech, 939 Leone Mariani, 945 John Cilia, 1014 Anthony Curmi, 1005 Mario Cordina, 975 Paul Abela, 991 Raymond Fabri, 958 Michaelangelo Portelli, 955 Andrew Borg, 957 Carmelo Montebello, 968 Mario Zammit, 971 Patrick Pisani, 972 Carmelo Fiteni, 937 Edmond Grech, 1031 Raymond Fenech, 1094 Arthur Fenech, 1088 Claudio Izzi Savona, 1055 Raymond Mizzi, 1045 Stephen Vassallo, 1068 Bernard Wood, 1076 Raymond Vassallo, 1060 Joachim Muscat, 1089 Anthony Ciantar, 1092 Noel J Psaila, 1100 Joseph Bezzina, 1059 Joseph Abdilla, 1072 George Blanco, 1053 Michael Falzon, 1049 Michael Fava, 1054 Carmel Zahra, 1050 Simon Marshall, 1037 Richard Ciappara, 1010 Emanuel Vassallo, 1115 John Attard, 1109 Joseph Tabone, 1171 Lawrence Mallia, 1120 Anthony Stellini, 1038 Carmel Azzopardi, 1162 Joseph Micallef, 1164 Mario Agius, 1127 Francis Bonello, 1170 Dominic Muscat, 1151 Anthony Cachia, 1140 Carmel Cutajar, 387 Saviour Formosa, 1204 Mario Farrugia, 1245 Paul Hersey, 1173 Carmel Bonnici, 1201 Joseph Cassar, 1179 Ronald Iles, 1260 Alfred Grima, 1278 Paul Zammit, 146 Joe Debattista, 247 Saviour Bonnett, 1307 Saviour Cauchi, 19 Rita Bellizzi, 34 Jennifer Mallia, 53 Grace Borg, 64 Connie Cauchi, 66 Pauline Bonello, 68 Eucharista Zammit, 69 Mary Grace Incorvaja, 71 Rita Cassar, 72 Mary Rose Pulis, 76 Anna Bonaci, 33 Maria Dolores Muscat, 55 Marthese Farrugia.

***Medalji tas-Servizz Twil u effiċjenti bi b' Clasp waħda***

**Supretendent**
Nicholas Ciappara,

**Spetturi**
Raymond D'Anastas, Abraham Zammit

**Surġenti**
86 Anthony Lia, 167 Sebastoan Psaila

**Kuntistabblijiet**
